Dan l-artiklu ġie ippublikat fil-ktejjeb:
***FESTA SANTA MARIJA 2021, Victoria – Għawdex*, Gozo 2021, pp. 67-83** (Publikazzjoni tas-Soċjetà Fil. Leone, Għawdex.)

Nota tal-awtur: Meta dan l-artiklu ġie ippublikat fil-ktejjeb imsemmi fuq, sar żball fl-editjar finali u l-footnotes li kien hemm mal-artiklu jew intilfu jew spiċċaw ma jaqblux mat-test. Hawnhekk wieħed isib it-test bil-footnotes kif ħargu mingħandi. In-numri bl-aħmar fil-parentesi jindikaw il-paġni tal-ktejjeb imsemmi fuq.)

---

***780 sena ilu...***

# IR-RAPPORT TA' GILIBERTO ABBATE (c. 1241)
# fi Ġrajjiet il-Belt u "Il-Parroċċa ta' Għawdex"[1]

*minn Dun Anthony M. Saliba*

Is-sena 1241 hija wahda ta' ċertu importanza kemm għall-ġrajjiet il-Gżejjer Maltin kif ukoll għal dawk marbuta mal-Knisja u l-fidi nisranija f'Għawdex. Dan għaliex f'xi żmien qrib dik is-sena sar rapport dwar il-Gżejjer Maltin minn Giliberto Abbate li kien għadu kif ġie mibgħut fuq dawn il-gżejjer mill-Imperatur Federico II biex iservi bħala rappreżentant tiegħu. Id-dettalji li nsibu mniżżla f'dan ir-rapport jgħinuna nifmhu aħjar is-sitwazzjoni politiko-reliġjuża li kien hawn f'Malta u f'Għawdex lejn nofs seklu tlettax. Fil-każ tagħna, imbagħad, ir-rapport ta' Giliberto Abbate jgħinna nifmhu aħjar il-ġrajja bikrija tal-fidi u l-knisja nisranija f'Għawdex.

**L-isfond storiku u politiku**

Lejn nofs is-seklu ħdax, il-Gżejjer Maltin, bħal l-artijiet l-oħra tal-madwar, b'mod partikulari fi Sqallija, kienu maħkuma mill-Għarab.

Fl-1059, il-Papa Nicola II (1059-1061) irregala l-*Vexillum Sancti Petri* – l-Istandard ta' San Pietru – lid-duka Normann Roberto *il Giuscardo* (c. 1015 – 1085) u b'hekk tah is-setgħa fuq in-naħa ta' isfel tal-Italja u fuq Sqallija, bil-kundizzjoni li jġib fit-tmiem il-ħakma tal-Għarab minn dawk l-artijiet. Roberto *il Giuscardo* żamm kelmtu mal-Papa u bagħat lil ħuh, il-Konti Ruġġieru biex iwettaq ix-xewqa tal-Papa.[2]

Fl-1091 in-Normanni, immexxija kif għidna mill-Konti Ruġġieru, waslu Malta u okkupaw il-gżira[3] Aktarx però li f'Malta n-Normanni għamlu dak li għamlu fi bnadi oħra ta' Sqallija: l-Għarab daħlu f'patt (*foedus* jew *aman*) man-Normanni u Ruġġieru ħalla l-amministrazzjoni ta' Malta f'idejhom bil-kundizzjoni li dawn iħallsu t-taxxa (*tributum, censum,* jew *jizya*[4]). B'hekk l-Għarab saru suġġetti għalih (*confoederati*) u bdew jirċievu l-protezzjoni tan-Normanni.[5] Kif kien ser jitlaq, il-Konti Ruġġieru intebaħ li minbarra l-gżira ta' Malta kien hemm ukoll dik ta' Għawdex.[6] Għall-kuntrarju ta' dak li ġara f'Malta, kif sbarkaw f'Għawdex in-Normanni iltaqgħu ma xi reżistenza. Għalhekk il-Konti Ruġġieru ħarbat kull ma sab quddiemu[7] imma, peress li ma kellux inġenji tal-gwerra biżżejjed biex jaħbat għall-Belt li kien hemm fuq l-għolja f'nofs il-gżira, illum iċ-Ċittadella, li allura dak iż-żmien kienet imsejħa "Mdina", huwa telaq minn Għawdex mgħobbi b'dak kollu li seta' jieħu miegħu. Kif ġara f'Malta, l-Għawdxin saru wkoll suġġetti – *confoederati* – għall-Konti Ruġġieru. Imma t-tmexxija tal-gżejjer Maltin baqgħet prattikament f'idejn l-Għarab. **[p. 67]**

Is-sitwazzjoni fil-gżejjer Maltin però inbidlet kompletament fl-1127. Jista' jkun li wara l-

mewt tal-Konti Ruġġieru fl-1101, l-Għarab waqqfu milli jħallsu dik it-taxxa li n-Normanni kienu imponew fuqhom fl-1091. Għalhekk in-Normanni ħassew il-bżonn li jerġgħu jieħdu taħt idejhom il-Gżejjer Maltin. F'Lulju tal-1127, in-Normanni ġew mill-ġdid fil-gżejjer Maltin, din id-darba immexxija mir-Re Ruġġieru II, iben il-Konti Ruġġieru li diġa semmejna fuq. U dak li m'għamilx il-missier, kellu jagħmlu ibnu. In-Normanni ħadu l-amministrazzjoni tal-gżejjer f'idejhom u Ruġġieru II ħatar amministratur biex imexxi ż-żewg gżejjer. Qabel telaq ħalla anke stakkament ta' suldati għall-ħarsien tagħhom.[8]

Lejn tmiem is-seklu tnax, ir-*Regnum* Normann għadda minn kriżi kbira li, nistgħu ngħidu, kienet il-bidu tat-tmiem tiegħu. Dan seħħ minħabba l-mewt tar-re Guglielmo II (1153 – 1189) fl-età ta' 36 sena. Kienet is-sena 1189.[9] Minħabba li Guglielmo II miet mingħajr ulied, Tancredi ta' Lecce (1138 - 1194), il-kuġin illeġġittimu tiegħu, ħataf it-tron. U l-kriżi u l-konfużjoni kompliet tikber, anke minħabba l-ħafna tilwim li nibet bejn il-barunijiet imxerrda mar-*Regnum* kollu.[10] Ma nafux jekk is-sitwazzjoni politika u soċjali f'Malta u Għawdex kienetx affetwata minn dan it-taqlib. Tancredi ta' Lecce, però, huwa persunaġġ importanti għall-istorja ta' dawn il-gżejjer. Dan għaliex f'xi żmien bejn l-1129 u l-1194 għadda t-tmexxija tal-Gżejjer Maltin f'idejn il-Konti Margaritus ta' Brindisi (1149-1197), l-aħħar *ammiratus ammiratorum* ("l-ammiral il-kbir") ta' Sqallija.[11] Dwar ir-rabta ta' dan ma' Għawdex ngħidu kelma iktar 'l isfel f'din il-kitba.

L-instabilità politika fin-naħa ta' isfel tal-Italja u fi Sqallija tat vantaġġ kbir lil Enrico VI (1165 - 1197), it-tieni iben tal-imperatur Federico Barbarossa, magħruf ukoll bħala Federico I (1122 – 1190). Enrico VI ħass li kellu d-dritt leġittimu li jiret il-kuruna Normanna f'isem martu Costanza u wliedu. Martu Costanza, fil-fatt, kienet bint ir-re Ruġġieru II li semmejna fuq u li kien ġie Malta fl-1127.

Tancredi ta' Lecce miet fl-1194 u ibnu Guglielmo III (c. 1186 – c. 1198) minnufih ġie

mogħti t-tron ta' missieru u kien inkurunat re mill-Papa Ċelestinu III f'Palermo. Kien għad għandu biss erba' snin. Dan naturalment xejn ma niżel tajjeb ma' Enrico VI. Fil-fatt f'Awwissu ta' dik l-istess sena dan Enrico beda kampanja militari qawwija biex jieħu dak li kien jemmen li hu bid-dritt tiegħu. Ġimgħa wara l-oħra, Enrico beda jirbaħ iż-żoni l-iktar importanti tar-*Regnum* u lejn it-tmiem ta' Ottubru ta' dik l-istess sena qasam lejn Sqallija. Daħal rebbieħ f'Palermo nhar l-20 ta' Novembru 1194 u kien inkurunat re nhar il-Milied ta' dik l-istess sena. Dan kien il-bidu tad-dinastija imsejħa *Hohenstaufen,* magħrufa wkoll bħala "tal-Iżvevi".[12]

Margaritu ta' Brindisi, li allura kien il-Konti ta' Malta u li kellu sehem importanti fir-reżistenza kontra l-qawwiet militari ta' Enrico VI, ġie minnufih arrestat u eżiljat fil-Ġermanja. Il-Gżejjer Maltin, però, ma ġewx imdaħħla mill-ġdid fid-*demanium* irjali għaliex Enrico għadda t-titlu ta' "Konti ta' Malta" lill-kursar magħruf Guglielmo Grasso minn Ġenova.[13] Dan ta bidu għad-dinastija tal-Kontijiet Ġenoviżi ta' Malta li xejn ma kienet popolari u tant aċċettata, u la mill-poplu ta' dawn il-gżejjer u wisq inqas min-nobiltà Maltija li kienet prinċiplament miġbura ġewwa ċ-*Civitas*, l-Imdina.

Permezz ta' dokument irjali maħruġ fl-1198, indirizzat *tam christiani quam saraceni*[14] - "kemm lill-insara kif ukoll lis-saraċeni", mela lir-residenti kollha li kien hawn f'Malta u Għawdex - lill-Maltin ġie imwiegħed li gżirithom kienet ser tkun tiddependi direttament mir-re.[15] Kemm din il-wiegħda ġiet irrispettata u imwettqa fil-prattika ma nafux. Li nafu fiż-żgur hu li l-Kontijiet ta' Malta baqgħu jgawdu ħafna privileġġi u drittijiet.

Wara l-kursar Guglielmo Grassi ġie Enrico Pescatore li martu kienet bint Grassi inniffsu. Dan Pescatore, minħabba l-ħafna ambizzjonijiet politiċi li kellu, ma naqasx li juża l-Gżejjer Maltin bħala bażi għall-kampanji militari tiegħu.[16] Min-naħa tiegħu, ir-Re Enrico VI ftit li xejn deher interessat minn dak li kien qed jiġri f'Malta u Għawdex. Imma l-affarijiet inbidlu bħal-lejl għan-nhar hekk kif ibnu Federico II (1194 - 1250) tela' fuq it-

tron ta' missieru. Fl-1198 **[p. 68]** Federico irċieva l-kuruna ta' re gewwa Palermo meta kellu inqas minn erba' snin.[17]

Dan l-imperatur issejjaħ bit-titlu ta' *Stupor Mundi* minħabba l-interess li kien juri fl-arti, fix-xjenza u fil-politika. Ir-renju tiegħu tal-Italja ta' Isfel u ta' Sqallija beda jgawdi minn qawmien politiku u kulturali li qatt ma kien deher bħalu qabel.[18] Ma nafux però kemm gawdew minn dan kollu l-Gżejjer Maltin. Li nafu fiż-żgur hu li Federico II kien konvint mill-importanza ta' dawn il-gżejjer minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħhom. U kien juri interess mhux ħażin f'dak kollu li kien qiegħed jiġri kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Dan nafuh mill-fatt li r-rapreżentanti tiegħu li kienu jmexxu l-gżejjer Maltin f'ismu kienu jżommuh infurmat sewwa dwar kif kienu sejrin l-affarijiet. Minbarra li kellhom f'idejhom it-tmexxija tal-gżejjer, dawn ir-rapreżentanti kienu jieħdu ħsieb jiġbrulu t-taxxi u jibgħathulu wkoll rapporti dettaljati dwar is-sitwazzjoni kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Fost dawn ir-rappreżentanti ta' Federico II f'Malta insemmu tnejn: Paolino de Malta, li m'hemmx dubju li serva f'din il-kariga talinqas bejn l-1239 u l-1240[19], u Giliberto Abbate li diġa semmejna fil-bidu ta' din il-kitba.

Giliberto Abbate aktarx li ġie maħtur rappreżentant ta' Federico II wara l-mewt ta' Paolino de Malta f'Mejju tal-1240. U ta' dan Giliberto Abbate għandna r-rapport li bagħat lir-re qrib l-1241 li semmejna fil-bidu ta' din il-kitba. Minħabba l-kunjomu, xi awturi stħajlu li dan Giliberto kien membru tal-kleru jew ta' xi ordni reliġjuż. Imma, kif josserva A. Luttrell[20], huwa wisq improbabbli li xi ekkleżjastiku kien se jiġi mogħti l-inkarigu li jmexxi l-Gżejjer Maltin. Fil-fatt dan Giliberto kien membru tal-familja importanti ta' Abbate di Trapani, minn Sqallija. Aktarx li Giliberto kien ħu Enrico Abbate li serva bħala wieħed mill-funzjonarji ewlenin tar-re Federiku II fl-1239 u serva ta' konslu f'Tunis fl-1240 u ta' *secreto*[21] fi Sqallija bejn l-1253 u l-1256.[22] Giliberto Abbate kien diġa mejjet fl-1269 imma nafu li ibnu Palmiro baqa' midħla sewwa tal-politika. Fil-fatt dan Palmiro mhux biss serva ta' gvernatur ta' Pantellerija u ta' Favignana fil-gżejjer Egadi imma

insibuh ukoll bħala wieħed mill-promoturi ewlenin tar-rewwixta fi Sqallija tal-1282, imsejħa *I Vespri Siciliani.*[23]

## Ir-Rapport ta' Giliberto Abbate

Ir-rapport li Giliberto Abbate bagħat lill-imperatur Federico II dwar il-Gżejjer Maltin qrib l-1241 ma waslilniex fil-kopja oriġinali tiegħu, imma wasal għandna fil-*littera responsalis* tal-istess Federico II li tinkorpora fiha t-tagħrif li Abbate kien bagħat lill-imperatur fir-rapport tiegħu. Dan id-dokument nistgħu naqsmuh f'tliet partijiet: l-ewwel parti għandha x'taqsam mad-dħul finanzjarju li kienet **[p. 69]** qed iddaħħal il-*Curia* minn dawn il-gżejjer; fit-tieni parti insibu tagħrif mill-iktar prezzjuż dwar il-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex; u fit-tielet parti naqraw dwar il-ħruġ finanzjarju fl-amministrazzjoni tal-Gżejjer Maltin. Dan id-dokument ġie ippublikat għall-ewwel darba fl-1880 minn E. Winkelmann meta dan ippublika ir-reġistru *Excerpta Massiliensia* tal-Kanċellerija ta' Federico II li hemm miżmum fl-*Archives Departementales des Bauches du Rhone* ta' Marsilja fi Franza. Winkelmann jinnumera t-transkrizzjoni tiegħu bħala dokument numru 938.[24] Wara Winkelmann, diversi awturi oħra ippublikawh mill-ġdid fosthom A. Mifsud[25] u C. Dessoulavy[26]. Mill-awturi ta' żmienna insemmu tnejn: fl-1993, A. Luttrell ippublikah mill-ġdid b'korrezzjonijiet u kummenti dwaru[27] u fl-2016, S. Fiorini tana studju ieħor importanti dwaru.[28]

Kif għidna fuq, permezz tar-rapport ta' Giliberto Abbate, wieħed jista' jieħu "(a) well founded idea"[29] ta' kif kienet il-ħajja fil-komunitajiet lokali li kienu jsawwru r-*Regnum* ta' Sqallija fl-aħħar żmien tat-tmexxija ta' Federico II. U għandu tabilħaq raġun C. Dalli jgħid, "Who could have told Giliberto Abbate that his administrative report would become a key document on which so much of our reconstruction of thirteenth century Maltese

developments depends?”[30]

Naturlament hawnhekk ma nistgħux insemmu d-dettalji kollha li joħorgu mill-istudju tar-rapport ta' Giliberto Abbate. Imma qabel ma nsemmu xi aspetti li jolqtu l-argument tagħna mill-viċin, jigifieri ġrajjiet il-Belt u l-Parroċċa ta' Santa Marija *intra muros* ta' Għawdex, tajjeb li nsemmu xi punti imsemmija fir-rapport li għandhom jolqtu lill-qarrej u li jgħinuna npoġġu fil-kuntest storiku dak li ser nitkellmu dwaru iktar 'il quddiem f'din il-kitba.

- Ir-rapport ta' Giliberto Abbate huwa essenzjalment wieħed fiskali u statistiku. Għalhekk huwa jagħmel lista tad-dħul finanzjarju kollu li kien qiegħed jintabagħat lill-imperatur Federico II kemm minn Malta kif ukoll minn Għawdex. Wara li jsemmi d-dħul, Abbate jaghmel lista tal-ispejjeż li r-*Regnum* kien qiegħed jagħmel biex iżomm il-Gżejjer Maltin. Il-munita wżata f'dan ir-rapport hija dik normanna tat-*tareno*, fil-plural: *tareni,* dik li bil-Malti bdiet tingħad “irbiegħi”, fil-plural: “irbgħajja”.[31]
- Il-fatt li Abbate jsemmi is-somma ta' 2,400 *tareni* li nġabret mill-ħlasijiet tad-dazju (*dohana maris et terre*[32]) juri li fi żmienu minn Malta kien għaddej ċertu ammont ta' kummerċ. Mill-industrija taż-żbiegħ tad-drapp (*tintoria*), ir-*Regnum* irċieva s-somma ta' 1,060 *tareni*: anke hawn jidher li din l-industrija kienet organizzata u żviluppata sewwa f'Malta. Ir-*Regnum* irċieva wkoll is-somma ta' 1,900 *tareni* mill-ħlas ta' multi u taxxi oħra marbuta maż-żamma tad-dixxiplina fost il-poplu (*baiulacio et sorta*). Snajja oħra li jsemmi Giliberto Abbate fir-rapport tiegħu huma t-*tube,* il-mużiċisti, u l-*barbaria,* il-barbiera li f'dawk iż-żminijiet kienu jagħmluha wkoll ta' kirurgi.[33]
- M'hemmx dubju li s-sors prinċipali tad-dħul finanzjarju għar-*Regnum* minn Malta u Għawdex kien ġej mill-agrikoltura lokali. L-oqsma irjali kienu jikkonsistu f'40

*paricole* fMalta u f'15 oħra f'Għawdex. *Paricola* kienet ekwivalenti għal 30 *salme* ta' art u kull *salma* kienet tikkonsisti f'1.75 ettaru, għalkemm insibu każi fejn *salma* kienet titkejjel b'2.2 ettari ta' art.

- Interessanti ħafna hi r-referenza li Giliberto Abbate jagħmel fir-rapport tiegħu għal *madia*[34] (mill-Għarbi, *al-ma'diyyah:* dgħajsa jew ċattra maħsuba għall-ġarr ta' bnedmin u oġġetti li **[p. 70]** taqsam minn naħa għal oħra ta' port jew xmara, bl-ingliż, *ferryboat*[35]). Din id-dgħajsa li jsemmi Abbate kienet toffri servizz ta' transport lil dawk li riedu jmorru minn gżira għal oħra.[36] Ta' min isemmi wkoll li dan is-servizz kien sors ta' dħul finanzjarju tajjeb għall-gvern. Fil-fatt din il-*cabella* (mill-Gharbi, *qabālah,* "imposta" jew "taxxa") kienet tirrendi dħul ta' 300 *tarenos.*[37]

**It-Tlett Kastelli**

Mir-rapport ta' Giliberto Abbate joħrog ċar li l-ikbar spiża li r-*Regnum* kellu fiż-żamma tal-Gżejjer Maltin kienet dik marbuta mad-difiża kemm ta' Malta kif ukoll ta' Għawdex. Mill-istess rapport joħrog biċ-ċar ukoll li l-gżira ta' Kemmuna kienet diżabitata[38] u għalhekk ma nħassitx il-ħtieġa li jiġu investiti fondi għad-difiża tagħha. Il-predeċessur ta' Giliberto Abbate li diġa semmejna fuq, Paolino de Malta, kellu għad-dispożizzjoni tiegħu stakkament ta' 150 suldat (*servientes*) li minnhom kien hemm 25 baħri li kienu jservu fuq żewġt iġfna tat-taqbid. Fi żmien Giliberto Abbate, però, in-numru ta' dawn is-*servientes* kien żdied għal 220. Imma lanqas dan ma jidher ma kien biżżejjed għax fir-rapport tiegħu Giliberto Abbate jitlob iż-żieda ta' 20 suldat ieħor għad-difiża tal-gżejjer.[39]

Skont ir-rapport, fi żmien Giliberto Abbate kien hawn tliet kastelli fil-Gżejjer Maltin. Dawn kienu il-*Castrum Maris* – Kastell Sant' Anġlu – fid-daħla tal-Port il-Kbir f'Malta, il-*Castro Ciuitatis Malte* – il-kastell tal-Belt ta' Malta, mela l-kastell tal-Imdina, f'Malta u

l-*Castri Gaudisij* – il-kastell ta' Għawdex.[40] F'dawn it-tlett kastelli kien hemm is-suldati bin-nisa' tagħhom u sittin persuna oħra bejn servi u skjavi (*sexaginta seruis et ancillis*).[41] Kien hemm ukoll l-imtieħen tal-mixi u l-bhejjem meħtieġa biex jiġu mħaddma bihom.[42]

Minn dawn it-tliet kastelli, l-iktar wieħed li jidher li kien importanti fi żmien Giliberto Abbate kien il-*Castrum Maris,* Kastell Sant' Anġlu. Sa fejn hu magħruf, din hija l-eqdem referenza li nsibu għal dan il-kastell tant importanti fl-istorja ta' Malta.[43] Fih kien hemm tliet imtieħen tal-mixi[44], għax dan ried jaqdi mhux biss lin-nies ta' ġo fih u tal-madwar imma wkoll lin-nies tal-baħar li kienu jgħaddu minn Malta u jagħmlu użu mill-port ewlieni tagħha. Iż-żewġ kastelli l-oħra li jsemmi Abbate, kif għidna, kienu dak fil-Belt tal-Imdina f'Malta u l-ieħor fil-Belt ta' Għawdex. Fil-*castro civitatis Malte* – il-kastell li kien hemm l-Imdina – kien hemm *somerii duo et mulus unus in centimulo, quibus datur de mense in mensem pro annona eorum de ordeo salma una*[45] – jiġifieri kien hemm żewġt iħmir u bagħal fil-mitħna tal-mixi li kien jirċievi modd xgħir kull xahar. Dritt wara l-kastell tal-Imdina, Abbate jsemmi l-kastell ta' Għawdex u jgħid li *in centimulo castri Gaudisii sunt asini tres, roncinus unus et asinus unus stallonus*[46] – fil-mitħna tal-mixi tal-kastell ta' Għawdex kien hemm tliet iħmir, żiemel tal-ġarr u faħal.

Mingħajr ma nintlifu fuq dettalji oħra imsemmija fir-rapport dwar l-erba' imtieħen tal-miexi oħra li kien hawn f'Għawdex u li Abbate jsemmi dritt wara dik li kien hemm fil-kastell, tajjeb li nitfgħu l-attenzjoni tagħna propju fuq din u fuq il-post li fih kienet tinsab u li Giliberto Abbate jsejjaħ bhala il-*castri Gaudisii*, jigifieri "il-kastell ta' Għawdex".

Bil-frażi *castri Gaudisii*, Giliberto Abbate mhux jifhem il-Belt ta' Għawdex fuq l-għolja imma l-kastell li kien hemm fiha, l-istess kif il-*castro civitatis Malte* ma jfissirx l-Imdina kollha kemm hi imma l-kastell li kien hemm fiha, magħruf bħala il-*castellu di la chitati* li kien inħatt f'xi żmien wara l-1453.[47] Dan qiegħdin ngħiduh għax matul is-snin xi awturi

applikaw it-terminu *castri Gaudisii* għall-Belt kollha ta' Għawdex. U dan wassal għal interpretazzjonijiet żbaljati ta' dan it-terminu[48] li wasslu lil xi wħud biex saħansitra jsostnu li dik li llum insejhu "iċ-Ċittadella" ma kienetx verament il-Belt ta' Għawdex imma sempliċement struttura fortifikata riservata għal numru żgħir ta' privileġġjati u nobbli Għawdxin, waqt li l-poplu kien jgħammar xi mkien ieħor.[49] Naturalment dan ma jistax ikun **[p. 71]** iktar 'il bogħod mill-verità storika. Biex nuru dan, tajjeb li nagħtu ftit tagħrif dwar il-Belt ta' Għawdex fi żmien il-qedem, meta l-affarijiet kienu ferm differenti minn kif inhuma illum.

**Il-Belt ta' Għawdex**

Meta illum nitkellmu dwar "il-Belt ta' Għawdex" inkunu qiegħdin nirreferu għar-Rabat kollu kemm hu, biċ-Ċittadella inkluża miegħu.[50] Imma dan ċertament li ma kienx hekk sa minn dejjem. Ir-Rabat ġie iddikjarat bħala il-belt ta' Għawdex nhar l-10 ta' Gunju 1887, wara li r-reġina Victoria tal-Ingilterra laqgħet it-talba tal-isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien Mons Pietru Pace, tal-Kapitlu tal-Katidral, u ta' persuni distinti oħra Għawdxin, u tat it-titlu ta' "belt" lir-Rabat u l-permess biex minn dakinhar 'il quddiem ir-Rabat u ċ-Ċittadella jibdew jissejħu bħala *Citta Victoria*.[51] Imma qabel l-1887, il-belt ta' Għawdex kienet għadha ċ-Ċittadella u r-Rabat kien għadu dak li verament iffisser ismu: "is-subborg tal-Belt".

Filwaqt li l-belt tal-Imdina f'Malta hija mibnija fuq qortin, bis-subborg tagħha imsejjaħ "ir-Rabat" fuq l-istess livell tagħha, il-Belt il-qadima ta' Għawdex, magħrufa fi żmienna bl-isem ta' "iċ-Ċittadella", hija mibnija fuq għolja fiċ-ċentru preċiż tal-gżira, bis-subborg tagħha, imsejjaħ ukoll "ir-Rabat", mifrux fil-wied ta' taħtha.

Din l-għolja li fuqha hemm mibnija il-Belt il-qadima ta' Għawdex ilha abitata sa minn żmien il-preistorja. Mit-tiftix u l-istudju arkeologiku li sar f'dawn l-aħħar snin

nikkonkludu li l-bniedem ilu jgħix fuq l-għolja taċ-Ċittadella aktarx sa minn żmien il-Fażi ta' Ħal Tarxien (3150-2500 BC) u dik ta' Ħal Saflieni (3300-3000 BC). M'hemmx dubju li l-Għawdxin kienu diġa okkupaw din l-għolja fi Żmien il-Bronż (c. 3200-700 BC), b'mod partikulari fi żmien il-Fażi ta' Borġ in-Nadur[52]. Prova ċara għal dan li qed ngħidu huma l-għadd ta' *silos* jew ħofor qishom bjar żgħar li f'dawk iż-żminijiet bikrin kienu jintużaw mill-Għawdxin għall-ħażna tal-ikel jew biex iqiegħdu fihom l-irmied wara l-kremazzjoni tal-mejtin tagħhom.[53]

In-nies ta' dawn iż-żminijiet kienu nies tal-gwerra u għalhekk, minbarra l-għolja taċ-Ċittadella, okkupaw diversi għoljiet oħrajn f'Għawdex għal skopijiet ta' difiża. Fost dawn insibu dik tan-Nuffara, fil-Lvant tal-gżira.[54] Imma l-ebda waħda mill-għoljiet ta' Għawdex ma hi tant perfetta għad-difża kontra l-għadu daqs dik li fuqha hemm mibnija ċ-Ċittadella. L-għolja Ta' Kuljat, per eżempju, bejn il-Merżuq, id-Dabrani u ż-Żebbuġ mhix tajba għal dan il-għan minħabba l-art fil-għoli imsejha Ta' Ħarrax u li minn fuqha l-għadu jista' faċilment jattakka lil min ikun qed jiddefendni ruħu minn fuq dik l-għolja. L-istess jista' jingħad għall-għolja Ta' Gelmus minħabba roqgħa art għolja imsejħa Dahar il-Ħmar. U jekk induru dawra mal-għoljiet Għawdxin, malajr nintebħu li l-ebda waħda ma hi mqaċċta tant tajjeb daqs l-għolja taċ-Ċittadella li l-istess struttura naturali tagħha tagħmilha difficli ħafna biex tiġi attakkata u allura faċli biex tiġi difiża. Il-fatt imbagħad li din l-għolja tinsab preċiżament fin-nofs tal-gżira tagħmilha ħafna aħjar mill-għoljiet l-oħra Ta' Għammar, tad-Dabrani u tan-Nuffara li jinsabu iktar qrib il-kosta. Mill-għolja taċ-Ċittadella, l-għassiesa Għawdxin setgħu josservaw dak kollu li kien ikun qiegħed jiġri fuq in-naħat kollha tal-gżirithom ħaġa li mill-għoljiet l-oħra ċertament ma setgħux jagħmlu. **[p. 72]**

Ma nistgħux ngħidu b'ċertezza meta l-Għawdxin dawwru għall-ewwel darba l-quċċata tal-għolja taċ-Ċittadella bis-swar. Aktarx li kienu n-nies ta' Żmien il-Bronż li għamlu dan biex iħarsu l-belt tagħhom. L-ewwel swar li inbnew kienu aktarx fuq in-naħa l-iktar

baxxa tal-għolja, dik li tħares lejn in-Nofsinhar. Irridu nsemmu wkoll li f'dawk iż-żminijiet din l-għolja kienet meqjusa wkoll bħala imkien sagru fejn l-Għawdxin kienu jagħtu qima lill-allat tagħhom. L-istruttura imsejħa "*bothros*"[55] li nstabet ftit tas-snin ilu[56] fil-pjazza tal-Katidral tikkonferma dak li qegħdin ngħidu.[57]

Wara n-nies ta' Żmien il-Bronz ġew il-Feniċi[58] u, warajhom, il-Kartaġiniżi[59]. Minħabba l-pożizzjoni perfetta tagħha fiċ-ċentru tal-gżira ta' Għawdex u l-vantaġġi l-oħra li semmejna fuq, dawn ukoll għażlu lil din l-għolja biex jgħammru fuqha u għamlu minnha ċ-ċentru politiku u reliġjuz tal-gżira.

Fis-sena 218 BC, mat-tmiem tat-tieni gwerra Punika, waslu r-Rumani fil-Gżejjer Maltin.[60] U kien propju f'dan iż-żmien li l-Belt ta' Għawdex bdiet tikber u l-konfini tagħha ħarġu 'l barra minn dawk tal-għolja. Kien f'dan iż-żmien meta bini ġdid beda tielgħa fil-wied ta' taħt l-għolja, il-barra mis-swar. B'hekk tnissel is-subborg tal-belt. Il-ġebel kbir li minn żmien għal żmien kien u għadu jinstab f'diversi naħħiet tar-Rabat huma l-fdalijiet ta' pedamenti tal-bini Ruman li kien hemm f'dawn l-inħawi. F'dan iż-żmien l-għolja serviet ta' akropoli[61], fejn allura wieħed kien isib, fost l-oħrajn, il-bini tal-amministrazzjoni politika u t-tempji fejn l-Għawdxin kienu jqimu lill-allat tagħhom.[62] Il-kixfiet arkeoloġiċi li saru f'dawn l-aħħar snin, anke taħt il-bini tal-Katidral, jikkonfermaw dan.[63] Kien ukoll fi żmien ir-Rumani li l-Belt ta' Għawdex issejħet *Gaulos oppidum.*[64]

Żmien ir-Rumani kien żmien il-*Pax Romana,* perjodu ta' paċi u progress, li għen bis-sħiħ biex il-*Gaulos oppidum* tkompli tikber u tiżviluppa. Iżda anke dan il-perjodu storiku wasal fit-tmiem tiegħu. Fis-sena 535 AD, Malta u Għawdex għaddew f'idejn il-Biżantini li damu jaħkmu l-gżejjer tagħna sat-870.[65] Din il-bidla ġabet magħha taqlib politiku u soċjali kbir li wassal lill-Għawdxin biex jerġgħu jfittxu l-kenn tal-għolja imdawwra bis-swar minħabba l-biża' tal-attakki mill-għedewwa. Dan il-bżonn inħass ferm u ferm iktar

wara Awwissu tat-870 AD, meta l-gżejjer Maltin għaddew f'idejn l-Għarab.[66]

L-Għarab sejħu lill-Belt ta' Għawdex imdawwra bis-swar bl-isem ta' *Mdina.*[67] U dan l-isem baqa' jintuża għal mijiet ta' snin, ferm wara t-tmiem tal-ħakma Għarbija f'Malta. Tant hu hekk li sas-seklu sittax, id-daħla għall-Belt ta' Għawdex kienet għadha tissejjaħ *Beb jl Medina* - "Bieb l-Mdina". Ninnutaw ukoll li dan l-isem ma kienx baqa' biss ħaj fuq fomm il-poplu imma kien għadu jintuża saħansitra fid-dokumenti legali, preċiżament kif għamel in-nutar Formosa fil-5 ta' Jannar 1585.[68] Kien hemm min, fi żmienna, oġġezzjona għal dan li qed ngħidu u saħansitra ipprova jitfa' dubju fuq l-awtentiċità ta' dan il-fatt storiku.[69] Imma din l-oġġezzjoni m'għandha l-ebda valur u għahekk titwarrab għall-ġenb u tiġi injorata għax hu fatt magħruf li l-ebda nutar m'hu ser joħloq minn żniedu isem ta' xi post partikulari waqt li jkun qed ifassal l-atti tiegħu. Hu fl-interess tan-nutar inniffsu li l-ismijiet li juża fl-atti li jagħmel ikunu preċiżi kemm jista' jkun, inkella jkun qiegħed jirriskja serjament li jirrendi xogħolu invalidu.

**Ir-Rabat**

Ladarba sejjħu l-Belt ta' Għawdex bl-isem ta' Mdina, kienet ħaġa naturali li l-Għarab isejħu l-bini **[p. 73]** li kien hemm 'l barra mill-ħitan tal-Belt bl-isem ta' *Rabat*[70]. Dan għaliex it-terminu *rabat* ġej mill-Għarbi *rabad* (*roq – ba - dod*), bl-aċċent fuq l-ewwel "a", u jfisser "ħajt", "sur tal-Belt" jew "abitanti li joqgħodu 'il barra mill-Belt". B'dan il-mod, l-isem *Rabat*, kif użat f'Għawdex, ifisser "subborg", lokalità abitata 'l barra mis-swar tal-Belt[71], preċiżament kif insibuh użat ukoll f'Malta.

It-tifsira għat-terminu *rabat* li kien ta Patri Manwel Magri hija għal kollox superata fiż-żminijiet tagħna. Magri kien jemmen li l-isem *Rabat* ġej minn *rabbat,* bit-"t" marbuta.

Dan huwa terminu ta' ġens femminil u jfisser "belt prinċipali". Magri wasal għal din il-konklużjoni għax xebbaħ l-isem *Rabat* kif użat f'Għawdex ma' dak ta' *Rabba* jew *Rabbath Għammon*: l-ismijiet li l-Ammoniti taw lil belt tagħhom fis-seklu tlettax Q.K.[72] Illum din il-belt tissejjaħ *Amman* u hija l-kapitali tal-Ġordanja, fil-Lvant Nofsani.

Kien hemm ukoll min sostna li l-isem *Rabat* kif użat ġewwa Għawdex huwa derivat minn xi terminu ta' żmien il-Feniċi jew il-Kartaġinizi li jfisser "belt", imma min qal hekk ma offra l-ebda studju etimoloġiku serju u lanqas fundament storiku għall-istqarrija tiegħu.[73] Ħaddieħor, imbagħad, ħareg b'teorija iktar fantastika u surreali meta ħareġ bit-teorija li t-terminu *Rabat* hu imnissel minn *rab* li jfisser "art agrikola bid-djar fuqha".[74] Anke f'dan il-kaz, l-awtur in kwistjoni ma beniex it-teorija tiegħu fuq id-dokumenti jew xi studju serju tax-xjenza tal-etimoloġija, imma fuq is-soltu stħajjil. U kif kienu jgħidu l-antiki, *Quod gratis asseritur, gratis negatur!*

Aħna nemmnu li l-istess isem ta' *Mdina* li bih kienet magħrufa l-Belt ta' Għawdex huwa biżżejjed biex jgħinna nagħrfu, mingħajr l-ebda tiġbid u spekulazzjoni mentali, l-veru tifsir tal-isem *Rabat.* Dan għaliex ladarba f'Għawdex, bħal f'Malta, il-belt kienet imsejħa *Mdina*, l-inħawi biswitha imsejjħa *Rabat* ma jistgħux jfissru ħaġa oħra għajr "subborg" - "is-subborg tal-Belt". Għalhekk aħna nemmnu li l-isem *Rabat* kif użat f'Għawdex m'għandu x'jaqsam xejn mal-istess isem kif użat fil-Marokk. Dan għaliex l-isem kif użat fil-Marokk ġej minn *ribat* (*roq – ba – toq*) u l-"a" f'dan il-każ hija twila u aċċentata. It-terminu *ribat* ifisser: "A station or fort on the frontier of an enemy's country, erected for the accommodation of Muslim warriors."[75] U, kif jista' jara kulħadd b'għajnejh stess, dan m'għandu x'jaqsam xejn mas-sitwazzjoni kif kienet u kif għadha sal-llum f'Għawdex, fejn ir-Rabat kien u għadu s-subborg tal-Belt iffortifikata fuq l-għolja.

Ladarba f'Għawdex kien hemm l-*Mdina*, hija ħaġa loġika li s-subborg tagħha issejjaħ

*Rabat*.[76] Mela kien korrett J. Aquilina meta iddefenixxa l-isem *Rabat* b'dan il-mod: "(The) Name of two suburbs one in Malta leading to Mdina and the other in Gozo, close to the citadel Il-Belt" u dan għaliex, fi kliem Aquilina stess, it-terminu *rabat* ifisser "wall of a town, suburb."[77] Ta' min iżid ukoll li sal-llum għadu qatt ma nstab b'mod dokumentat li s-subborg tal-Belt ta' Għawdex kien magħruf b'xi isem ieħor, jekk mhux dak ta' *Rabat*, sakemm sar *Victoria* fi tmiem is-seklu dsatax. Anqas fil-folklor u t-tradizzjonijiet Għawdxin (li għandhom ukoll l-importanza kbira tagħhom fil-kitba u fl-istudju tal-istorja) qatt ma nsibu li f'xi żmien jew ieħor ir-Rabat kien magħruf b'xi isem ieħor. Teoriji ricenti dwar xi isem ieħor li bih kien magħruf ir-Rabat jew xi parti minnu fi żmien il-qedem huma etimoloġikament żbaljati u storikament bla bażi.[78] Għalhekk anqas biss m'aħna ser nikkumentaw dwarhom hawn.

Intemmu dawn il-kummenti tagħna fuq dan il-punt b'domanda li sikwit issir meta wieħed ikun qiegħed jitkellem dwar il-Belt ta' Għawdex u s-subborg tagħha: qatt kien hemm xi żmien fl-istorja millenarja ta' din il-belt li s-swar tagħha kienu joħorġu mill-konfini tal-għolja u jdawwru wkoll lir-Rabat? **[p. 74]**

Ġann-Piet-Franġisk Agius de Soldanis, fl-istorja tiegħu ta' Għawdex li kiteb fl-1746, jgħidilna li l-Belt ta' Għawdex "ġiet mibnija fuq il-għolja li tinsab f'nofs il-gżira."[79] Imma mbagħad jghidilna wkoll li fi żmien il-qedem – u hawn de Soldanis kien qiegħed jirreferi għal żmien ir-Rumani u ż-żminijiet Klassiċi – il-ħitan tagħha kienu jaqbżu l-konfini tal-għolja u jduru dawra mejt mar-Rabat kollu. De Soldanis jgħid ukoll li din il-belt kellha erba' torrijiet f'kull kantuniera tagħha biex isaħħuha, u jsemmi wkoll il-bieb ewlieni tagħha "Ta' Putirjal" u żewg bibien oħra: wieħed imsemi "Bieb il-Għajn" fit-triq li tieħu lejn l-Għajn il-Kbira u ieħor bl-isem ta' "Bieb il-Għarb" li kien iħares lejn it-triq li twasslek l-Għarb.[80]

Sa fejn nafu aħna, De Soldanis – patrijott kbir Għawdxi li kiteb dwar Għawdex fi żmien

meta l-kriterji għal kitba tal-istorja kienu ferm differenti minn kif inhuma illum – hu l-ewwel wieħed li semma li l-ħitan tal-*Gaulos oppidum* kienu jdawwru mhux biss l-għolja taċ-Ċittadella imma wkoll lir-Rabat. Ma jidhirx li qatt qablu kien hemm xi awturi oħra li semmew dawn il-ħitan ta' swar mad-dawra tar-Rabat. Il-membri tal-Kummissjoni li l-Granmastru L'Isle Adam bagħat f'Malta u Għawdex fl-1524 biex jagħtuh rapport dettaljat dwar il-Gżejjer Maltin qabel l-Ordni ta' San Ġwann jaċċetta l-proposta tal-imperatur Karlu V ta' Spanja li jiġi f'Malta, iddeskrivew il-Belt ta' Għawdex b'dan il-mod: *"Che la sua Fortezza unica, e sola, era molto piccola, posta fra terra, e di forma rotonda, e sopra un piccolo, et eminente colle, o scoglio di tufo edificata; impotente et inhabile a poter resistere ad ogni picciola Armata; dentro della quale pochissima Artigliaria si trovava."*[81] Imkien ma semmew f'dan ir-rapport xi swar fir-Rabat jew xi fadlijiet minn tagħhom. Li kieku kien hemm, il-membri tal-Kummissjoni kienu jsemmuhom, ladarba l-iskop tagħhom kien li jagħtu lill-Granmastru stampa ċara ta' kif kienet id-difiża kontra l-għadu fil-Gżejjer Maltin. U lanqas ma jsemmu li xi ħadd qalilhom li xi darba l-Belt ta' Għawdex kienet ikbar minn dik li żaru meta kienu f'Għawdex fl-1524. Ftit żmien wara, bejn l-1530 u l-1533, is-saċerdot Johannes Quintinus Haedus (magħruf ukoll bħala Jean Quintin d'Auton) kiteb l-*Insulae Melitae Descriptio.* F'din id-deskrizzjoni tiegħu, waħda mill-eqdem li waslet sa għandna tal-Gżejjer Maltin, huwa jsejjaħ il-Belt ta' Għawdex *opidulum*, jiġifieri "belt ċkejkna", "ċittadella". Dan l-awtur kiteb dwar dak li ra b'għajnejh. Fil-fatt huwa jsemmi l-iskrizzjoni ta' Marcus Vallius Rufus li kienet tinsab fil-bieb ewlieni ta' din il-belt ċkejkna, fejn għadha sal-llum. Dan l-*opidulum* li żar Johannes Quintinus Haedus kien fuq l-għolja, fejn għadu sal-llum, u, minn kliem dan l-awtur, ma jirriżultax li kien hemm xi tip ta' swar jew fortifikazzjonijiet oħra fis-subborg tiegħu, fir-Rabat.[82]

Għal kuntrarju ta' dak li jikteb De Soldanis, aħna nemmnu li r-Rabat qatt ma kien imdawwar bis-swar. Jekk nieħdu in konsiderazjoni l-ġeoloġija tar-Rabat, nistgħu nifmhu aħjar dan. Il-parti l-qadima tar-Rabat, 'il ġewwa minn dik li tissejjaħ "id-dawra tal-

purċissjoni", hija mibnija kollha kemm hi fuq it-tafal. Filwaqt li l-inħawi Tal-Ibraġ, Ta' Fejn San Franġisk u Taċ-Ċawla, fit-trufijiet tar-Rabat, huma mibnija fuq il-blat taż-żonqor tas-saf ta' fuq, l-inħawi ta' Fejn San Ġorg, tat-Tokk, u ta' Fejn Savina jinsabu fuq dak li oriġinarjament kien wied iffurmat minn *geological fault* fil-blat. Il-punt l-iktar għoli tar-Rabat jinstab ħdejn in-niċċa bl-istatwa tal-Madonna tar-Rummiena (magħrufa wkoll bħala "il-Madonna tal-Providenza"), li hemm wieqfa fil-kantuniera ta' Triq San Ġorġ ma' Strada Providenza. Fil-fatt il-blat tax-xagħra tar-Rabat jasal sa hemm. Il-bini li hemm minn ħdejn dik in-niċċa sa taħt l-għolja taċ-Ċittadella huwa kollu mibni fuq it-tafal li qiegħed jimla' dak il-wied li semmejna fuq. Fil-fatt hemm diversi djar antiki f'dawn l-inħawi li għandhom il-kantina li tinżel fil-fond mhux ħażin.

Kieku kellna nieħdu f'idejna mappa tar-Rabat u nimmarkaw fuqha b'linja fejn tintemm ix-xagħra tar-Rabat, din irridu nibdewha minn fejn in-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena u nibqgħu sejrin biha lejn il-Ħara d-Dejqa. Minn hemm il-linja tgħaddi minn fejn Strada Palma tmiss ma' Pjazza San Frangisk, u tibqa' sejra sa fejn il-Knisja ta' San Franġisk u min hemm tasal sa tal-Ibraġ. L-ispazju li jkun hemm bejn din il-linja u l-blat tal-għolja taċ-Ċittadella m'huwa xejn għajr wied, illum mimli bit-tafal, li fuqu ċertament ma jistgħux jinbnew swar. Li taħt it-Tokk u l-idwar tiegħu hemm kwantità kbira ta' tafal deher biċ-ċar fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1940-1945). Meta xi residenti tat-Tokk qabbdu xi ħaddiema biex iħaffrulhom *air-raid shelter* f'waħda **[p. 75]** mid-djar li hemm fil-pjazza, il-proġett kellu jieqaf ħesrem peress li l-ħaddiema, kif bdew bix-xogħol tagħhom, iltaqgħu ma' tant tafal li x-xoghol tat-tħaffir ma setax ikompli.[83] U n-nies tal-inħawi tat-Tokk, Ta' Fejn San Ġorġ u Ta' Fejn Savina kienu jitilgħu jistkennu fis-*shelter* imħaffer fil-blat li kien tħaffer ta' taħt wieħed mis-swar taċ-Ċittadella waqt il-ħbit tal-għadu mill-ajru.[84] Kemm dawn l-inħawi huma litteralment mibnija fuq it-tafal ħareġ biċ-ċar kmieni din is-sena (2021) meta sar tħaffir bl-idejn f'kantina fi propjetà privata f'Pjazza Savina. Minn hawn il-ħaddiema ħarġu kwantità kbira ħafna ta' tafal.[85]

Nibqgħu fit-Tokk. Jekk wieħed iħares lejn il-Banca Giuratale minn barra, ma jistax ma jinnutax il-virgi ħoxnin li kellhom jintużaw biex tintrabat l-binja l-qadima li bena l-inġinier militari Franċiż Charles François de Mondion fl-1733 mal-faċċata l-ġdida (it-tanbur) li nbniet fl-1868 fuq disinn ta' Giovanni Bonello.[86] Li kieku ma sarx hekk, kieku l-istruttra kollha kienet tinfetaħ bħal ktieb u eventwalment tiġġarraf. U dan, mill-ġdid, minħabba l-kwantità kbira ta' tafal li hemm taħtha.

Jekk wieħed, imbagħad, mit-Tokk jibqa' miexi sa Pjazza Savina, ma jistax ma jinnutax kemm hi naturali n-niżla li minn hemm tieħdok għal Triq l-Assunta ("in-Niżla ta' Finda") u għal Tad-Dawwara. Dan l-inżul huwa wieħed tipiku ta' wied. Tant li meta fis-sena 2018 sar tħaffir biex isir garaxx taħt il-livell tat-triq fi Triq l-Assunta, il-ħaddiema ma setgħux isibu tarf tal-ilma ġieri li kien għaddej propjru minn fuq il-livell tat-tafal. L-istess ġara din is-sena (2021) meta sar tħaffir fil-bidu ta' Triq Ta' Kerċem (in-naħa ta' wara tal-Librerija Pubblika tal-Katidral, qabel tibda Triq Wied il-Lunzjata). Anke hawn l-ilma ġieri u fi kwantità li beda ġej minn fuq it-tafal ma qatax.[87] Li kieku xi darba nbnew xi swar hemmhekk, kieku żgur li l-art kienet titqalleb b'mod li dik in-niżla ma kienetx tkun kif inhi illum għax il-bini ta' strutturi kbar u għat-tul bħal dawk tas-swar kien jagħlaq il-wied. Kif għidna iktar 'il fuq f'din il-kitba, il-ġebel kbir li minn żmien għal żmien jinstab fir-Rabat huwa l-fdal tal-pedamenti ta' bini ta' żmien ir-Rumani, meta l-*Gaulos oppidum* kibret u l-bini beda tiela' fil-wied ta' taħt l-għolja u l-għolja taċ-Ċittadella inbidlet f'akropoli.[88]

## Il-*castri Gaudisii*

Fir-rapport ta' Giliberto Abbate naqraw, kif diġa rajna fuq, li fil-mitħna tal-mixi tal-*castri Gaudisii* kien hemm tliet iħmir, żiemel tal-ġarr u faħal. U diġa għidna wkoll li, għal kuntrarju ta' dak li kitbu xi wħud, Gilberto Abbate hawn mhux qiegħed jitkellem

dwar il-Belt ta' Għawdex fuq l-għolja, imma dwar il-kastell li kien hemm fiha.

Dwar dan il-kastell ftit li xejn għandna tagħrif. Ma nafux, per eżempju, meta nbena l-ewwel darba u kemm dam wieqaf fil-Belt ta' Għawdex. L-isem *Borg Geritu* li, kif jurina Patri Manwel Magri, kien **[p. 76]** għadu fuq fomm l-Għawdxin sal-bidu tas-seklu għoxrin, donnu jagħtina ħjiel li l-Konti Margaritus ta' Brindisi kellu xi konnessjoni ma' dan il-kastell.[89] Kien għalhekk li fl-inħawi magħrufa f'Għawdex bħala "Wara ta' Gedrin" insibu *Triq Borġ Geritu.* Din it-triq isemmiet għal Konti Margeritu minħabba li jista' jkun kien hu li bena jew irranġa dan il-kastell li kien hemm "fil-Borġ", fil-Belt ta' Għawdex. M'hemmx dubju li bejn is-snin **1135 – 1151** dan il-kastell kien diġa hemm u kien iċ-ċentru tal-amministrazzjoni ta' Għawdex. Tant hu hekk li l-kittieb tal-poeżija *Tristia ex Melitogaudo,* li dwarha nitkellmu iktar 'l isfel, sab ruħu priġunier ġo fih u jgħidilna li t-torri tiegħu kien infestat b'insetti moqżieża u parassiti oħra:

> ... red flies, wild lice,
> having a tail a span long
> the selfsame ones which the races of the West breed
> a host of bugs and indeed of certain parasites
> which <u>a tower itself breeds up from the deep</u>,
> biting the flesh..."[90]

Wara li jissemma, kif rajna fuq, fir-rapport ta' Giliberto Abbate, dan il-kastell nerġgħu nsibuh imsemmi fil-*Crònica* tal-merċenarju u awtur Katalan Ramon Muntaner. Dan l-awtur jagħtina tagħrif dwar il-wasla tal-Aragoniżi fil-Gżejjer Maltin fl-1283 taħt il-kmand tal-Ammiral Ruġġieru de Lauria. Meta jitkellem dwar Għawdex, hu jgħidilna li l-Ammiral de Lauria "combate la vila e hach lo raval tantost..."[91], attakka l-Belt (*la vila*) u ħataf "ir-rabat" jew is-subborg tagħha (*lo raval tantost*). Muntaner jgħidilna wkoll li ħaġa waħda mal-Belt kien hemm kastell u l-Ammiral ħalla fih mitt suldat għall-ħarsien tiegħu: "per guarda del castell, qui es ab la vila ensemps."[92]

Dan il-kastell li jitkellem minnu Muntaner huwa l-istess *castri Gaudisii* li jsemmi Abbate fl-1241 u li nsibuh imsemmi wkoll sittax -il sena wara, fit-Testment tal-*miles* Guglielmo di Malta. F'dan id-dokument, datat it-8 ta' Frar 1299, naqraw li t-testment kien qed isir fil-*Castro Gaudisii,*[93] mela fil-kastell tal-Belt ta' Għawdex li allura kienet ir-residenza tal-istess Guglielmo (li kien iġib it-titlu ta' "Kaptan ta' Malta") u ta' martu Donna Chiara de Rocka.[94] Nassumu wkoll li dan il-kastell serva b'xi mod jew ieħor lill-*Universitas Gaudisii,* il-gvern reġjonali ta' Għawdex, meta din twaqqfet f'xi żmien qrib l-1350[95] u meta l-Belt ta' Għawdex bdiet tissejjaħ *"terra"* filwaqt li l-gżira kollha kemm hi bdiet tissejjaħ *"terra et insula"* - "il-Belt u l-Gżira ta' Għawdex".[96]

Għas-sena 1442, dan il-kastell, imsejjaħ f'dak iż-żmien bħala il-*castri terre Gaudisii*, kien kważi ħerba, tant li waħda mis-swali l-kbar tiegħu (*salam magnam*), dik li kienet tmiss mal-maħżen tal-*Curia Regia*, kienet saħansitra bla saqaf (*discopertam*).[97] Il-qagħda ta' dan il-kastell baqgħet sejra mill-ħażin għall-agħar. Fil-fatt, il-Kummissjoni li bagħat il-Granmastru L'Isle Adam f'Malta u Għawdex fl-1524 ma ssemmi xejn dwar dan il-kastell u lanqas jissemma fl-*Insulae Melitae Descriptio* (1530-1533) ta' Johannes Quintinus Haedus. Dan jagħtina x'nifmhu li din l-istruttura ma kienetx għadha teżisti u l-amministrazzjoni tal-gżira kienet issir minn xi post ieħor. Nafu li lejn nofs is-seklu 15, is-sede tal-*Universitas Gaudisii,* il-*Banca Giuratale,* kienet fil-Belt ta' Għawdex 'il gewwa mis-swar[98], kif nosservaw mil-*Capitula* ta' Għawdex tal-1443.[99]

### L-Insara Għawdxin

Nerġgħu immorru lura għar-rapport ta' Giliberto Abbate. Diġa għidna fuq li dan id-dokument nistgħu **[p. 77]** naqsmuh fi tliet partijiet. Fi kliem l-istoriku S. Fiorini, "This essentially fiscal document falls into three distinct parts. The first (…) deals with the

incomes of the *Curia* from these islands, the last (…) deals with expenses, and a slight (but very precious) intervening paragraph (…) separates these two sections to provide a census of the hearths in Malta and Gozo, broken down by their religious affiliations...”[100] Dak li Fiorini qiegħed jirreferi għalih hawn huwa paragrafu ċkejken, imma ta' importanza kbira għall-istorja ta' Malta u Għawdex, li Abbate jdaħħal f'nofs ir-rapport tiegħu. Fih Abbate jagħti tagħrif dwar il-popolazzjoni tal-Gżejjer Maltin.[101] Dan it-tagħrif isir iktar importanti mhux biss għax Abbate jagħti n-numru ta' abitanti li kien hemm fil-Gżejjer Maltin, imma wkoll għax iqassam l-abitanti ta' dawn il-gżejjer skont it-twemmin tagħhom.

Skont Abbate, fl-1241, il-popolazzjoni tal-Gżejjer Maltin, fis-sens ta' familji[102], kienet imqassma hekk:

- **Malta:** “Significasti insuper, in Insula Malte esse familias christianorum quadraginta septem. familie Sarracenorum sexcentas octoginta unam. Iudeorum vigintj quinque...”[103] - fil-gżira ta' Malta kien hemm 47 familja nisranija, 681 familja musulmana, u 25 familja lhudija.
- **Għawdex:** “Et in Gaudisio scripsisti esse familias christianorum ducentas tres. Sarracenorum centum quinquaginta quinque et familias Iudeorum viij.”[104] - Fil-gżira ta' Għawdex kien hemm 203 familja nisranija, 155 familja musulmana, u 8 familji lhud.

Dawn in-numri li semmejna fuq nistgħu nqassmuhom b'dan il-mod[105]:

| | ***Familji Insara*** | ***Familji Musulmani*** | ***Familji Lhud*** | ***Total*** |
|---|---|---|---|---|
| **Malta** | 47 | 681 | 25 | 753 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Għawdex** | 203 | 115 | 8 | 366 |
| **Total** | 250 | 836 | 33 | 1119 |

Dawn in-numri ta' familji li jsemmi Abbate fir-rapport tiegħu ħabblu moħħ l-istoriċi sa minn meta ġew ippublikati l-ewwel darba minn Winkelmann. Wieħed mill-iktar aspetti li qanqal domandi kienet id-differenza kbira bejn in-numru ta' familji insara ta' Malta u dawk li kien hemm f'Għawdex. Kien hemm min issuspetta li hemm xi żball fin-numri. A. Luttrell, per eżempju, hu tal-fehma li n-numru tal-familji insara f'Malta huwa zbaljat għax il-kopista tad-dokument naqas milli jpoġġi l-ittra "M" ("elf") wara n-numru.[106] Mela, skont Luttrell, in-numru tal-familji insara f'Malta għandu jkun 1047 u mhux 47. C. Dalli ma iddubitax mill-korrettezza ta' dawn in-numri imma ikkonkluda li dawn juru li r-rata tal-konverżjonijiet mill-Islam għall-fidi nisranija kienet ikbar fost il-poplu ta' Għawdex milli fost dak ta' Malta. Għaliex seħħ dan, però, ma qalilnhiex.[107] J. Brincat ukoll ipprova jfisser din id-differenza kbira ta' familji insara bejn Malta u Għawdex: skont hu, ir-raġuni kienet għaliex il-popolazzjoni ta' Celano, wara li ġiet eżiljata minn Federiku II fil-Gżejjer Maltin f'Mejju tal-1224, stabbiliet ruħha f'Għawdex.[108] Imma kif josserva S. Fiorini, l-eżilju ta' dawn ic-Celani fuq il-Gżejjer Maltin ma damx iktar minn tliet snin u għalhekk, li kieku tabilħaqq ġara kif ippropona Brincat, sal-1241 il-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex kienet tkun diġa ġiet lura għal kif kienet qabel ma waslu l-eżiljati minn Celano.[109] Awturi oħrajn ippreżentaw teoriji oħrajn biex jispjegaw għaliex 81% tal-insara fil-Gżejjer Maltin kienu jinsabu f'Għawdex u għaliex 57% tal-popolazzjoni ta' Għawdex kienet nisranija.

Dawl ġdid u importantissimu fuq dawn in-numri li jniżżel Giliberto Abbate fir-rapport tiegħu inxteħet fl-2010, meta xxandret il-publikazzjoni *Tristia ex Melitogaudo: Lament in Greek Verse of a XIIth-century Exile on Gozo.* F'din il-publikazzjoni nsibu traskrizzjoni u traduzzjoni ta' poeżija miktuba bil-Grieg f'Għawdex għall-bidu tat-tieni kwart tas-seklu

tnax. It-traskrizzjoni, t-traduzzjoni, u l-istudju ta' dawn il-versi saru mill-Professuri Joseph Busuttil, Stanley J. Fiorini, u Horatio C.R. Vella. **[p. 78]** Aktar 'il fuq f'din il-kitba diġa għamilna referenza għal dan id-dokument importanti li, skont l-awturi li semmejna fuq, huwa datat bejn is-snin 1135 – 1151, mela fil-bidu nett tal-ħakma tan-Normanni fil-Gżejjer Maltin

Il-poeta li kiteb dawn il-versi tat-*Tristia ex Melitogaudo* kien eżiljat ġewwa Għawdex mir-Re Ruġġieru II. L-awturi li xandru din il-publikazzjoni jsostnu li dan il-poeta seta' kien Ewgenju ta' Palermo (c. 1130 – 1202), l-*amiratus* tar-*Regnum Siciliae* lejn tmiem is-seklu tnax, li aktarx li kien l-istess awtur li kien jiffirma bħala "Hugo Falcandus" u l-istess wieħed li kiteb il-*Liber de Regno Sicilie.*[110] Din il-poeżija waslet għandna fil-forma ta' 3825 vers, segwita minn żewg talbiet, waħda ta' 144 vers u l-oħra ta' 73. Dan ifisser li din il-poeżija hija komposta minn iktar minn 4000 vers fl-intier tagħha. B'danakollu, jista' jkun li kienet itwal minn hekk fil-forma oriġinali tagħha. Il-lingwaġġ ta' stil rettoriku li juża l-poeta fil-poeżija tiegħu huwa wieħed ta' livell għoli, tipiku tal-letteratura li kienet komuni fil-qorti imperjali Biżantin ta' dak iz-żmien.[111] Xejn inqas huwa stupend l-użu tal-metrika fil-kitba ta' dawn il-versi mibnija fuq tnax -il sillaba.

Mit-test ta' din il-poeżija, insiru nafu li l-poeta kien diġa għadda disa' snin fl-eżilju (v. 3588-3591), li ommu kienet għadha ħajja (v. 1790-1791; 3699-3706) u li anke ħuh kien spiċċa eżiljat bħalu xi mkien ieħor (v. 425-427). Fost tbatijiet li kien għaddej minnhom, il-poeta jsemmi, kif diġa għidna l-insetti u l-parassiti fit-torri tal-kastell tal-Belt. Isemmi wkoll il-ġuħ, l-għatx, l-għera u t-telfien ta' qraba u ħbieb. (v. 1886-1896; 3248-3249) Din il-ħajja ta' tbatija u twegħir wasslet lil dan il-poeta biex jikteb dawn il-versi li m'huma xejn għajr talba ħerqana lil Ġorġ ta' Antijokja, li l-poeta jsejjaħ lilu nniffsu bħala "il-qaddej fidil tiegħu" (v. 240; 424; 3785) biex jidħol għalih mar-Re u jaghtih il-permess jerġa' lura lejn Sqallija. Ġorg ta' Antijokja, li miet fl-1151, kien il-*magnus amiratus* u l-ewwel *amiratus ammiratorum* tar-*Regnum Siciliae.*[112]

Il-poeta jsejjaħ lil Għawdex bl-isem ta' *Melitogaudos*, jiġifieri "Għawdex ta' Malta" biex jiddistingwi b'mod ċar lil din il-gżira minn dik ta' Gavdos ta' Kreta. Skont S. Fiorini, dan l-isem "is the standard meaning given to a Greek compound word made up of two nouns, in which the first noun assumed an adjectival – and the second a nominal – function."[113]

Fi kliem C. Cupane, "The impressive number and variety of narratives – which range from historical anecdotes, mythological tales and biblical narratives – make the poem a unique piece of literature, whose generic statues shifts from lament to eulogy, and finally to a collection of short stories."[114] U fost il-"historical anecdotes" li jsemmi l-poeta hemm wieħed ta' importanza kbira għall-ġrajja tagħna u li, kif għidna fuq, jixħet dawl siewi fuq dak li kiteb Giliberto Abbate fir-rapport tiegħu iktar minn mitt sena wara.

Fil-vers 84, l-awtur jagħtina tagħrif dwar l-attakk tar-Re Ruġġieru II fuq Għawdex li kien seħħ f'Lulju tal-1127. Ruġġieru, jgħidilna l-poeta, għaqqad flotta żgħira ta' iġfna bis-suldati armati bil-lanez u l-qwies, u telaq lejn Għawdex, li l-poeta jsejjaħ bhala "pajjiż Ħagar":

> … having mustered only a small naval expeditionary force
> and a host of spear bearing archer-infantry,
> sailed to *Melitogaudos*, the country of *Hagar*[115]…[116]

Kif wasal hemm assedja lill-Belt bil-magni tal-gwerra, u ġiegħelhom iċiedu l-armi:

> … having encircled (them) with diverse engines of warriors
> subdued (them) with might and main for the Lord.[117]

Fil-Belt ta' Għawdex, Ruġġieru II sab li l-abitanti kienu l-abitanti kienu kollha musulmani, "invoking only the heresiarch, the all-abominable Mohammed", u għalhekk keċċa lis-sidien ("their sheikhs") bil-familji u l-ilsiera suwed tagħhom, li ma kienux ftit

("not indeed a few").[118] **[p. 79]**

Imma, jgħidilna l-poeta, Ruġġieru II sab li f'Għawdex kien hemm wkoll komunità ċkejkna ta' insara li, kif intebħu li s-sitwazzjoni politko-reliġjuza fuq gżirithom kienet qed tinbidel, ħarġu fil-beraħ. Minħabba l-importanza storika ta' dan il-fatt, tajjeb li nġibu t-test inniffsu kif kitbu l-poeta:

> He **[ = Ruġġieru II]**, on the other hand, brought out into the open
> the pious inhabitants of the place, together with their bishop,
> who, having departed from the Pact of old,
> got rid of the hated things by which they **[ = l-Għarab]**
> used to invoke Mohammed.
> He **[ = Ruġġieru II]** then established into most sacred temples,
> places (formerly) belonging to the most hated *mouddibi* **[ = plural ta' *muad'dib*, li tfisser "a religious and moral teacher"[119], mela għalliem fi skola Koranika]**,
> sacred and useful priests
> who were worshiping the Holy Trinity from ancestral times,
> interceding with this (Trinity) on behalf of the scepter-bearing,
> and rather for his purified soul.[120]

F'dawn il-ftit versi li ħallielna l-poeta għandna minjiera ta' tagħrif storiku ta' importanza kbira, kemm għall-istorja tal-Gżejjer Maltin kif ukoll għall-ġrajjiet il-fidi nisranija f'Għawdex. Fil-fatt, minn dawn il-versi insiru nafu li:

1. Meta r-Re Ruġġieru II ġie Għawdex f'Lulju tal-1127, il-fidi Nisranija ma kienetx intemmet u għabet minn Għawdex, kif kien ġara f'Malta. Fil-fatt Ruġġieru sab komunità ta' insara Għawdxin li saħansitra kellha l-isqof tagħha mgħejjun mill-qassisin. Dan juri li din kienet **komunità organizzata.**
2. Din il-komunità **ma kienetx waħda ġdida**, jew li twaqqfet dakinhar stess mir-Re

Ruġġieru II inniffsu, imma kienet ilha tħaddan it-twemmin nisrani, kif jgħidilna l-poeta, "from ancistral times" - sa mill-antik nett ("*patrothen*"), mela sa minn qabel il-wasla tal-Għarab fil-Gżejjer Maltin fis-snin 869-870. Għalhekk dawn l-insara kienu għadhom jippratikaw il-fidi tagħhom bir-rit Grieg-Biżantin.

3. Hekk kif il-musulmani ċedew lin-Normanni, Ruġġieru għadda l-moskej u l-imkejjen li qabel kienu f'idejn il-*mouddibbi* lill-insara Għawdxin biex dawn jibdluhom fi knejjes insara. Dan il-fatt juri biċ-ċar li din kienet **komunità stabilità** u **komunità indiġena**, tal-post.

Fil-fehma ta' Mons. J. Bezzina, espert tal-istorja tal-Knisja f'Għawdex, il-membri ta' din il-komunità ta' insara li sab Ruġġieru II f'Għawdex aktarx **[p. 80]** li kienu "d-dixxendenti tal-Kristjani Biżantini – Griegi – Għawdxin ta' qabel is-sena 869."[121] Għaliex Mons. Bezzina jgħidilna dan?

Fis-sena 870, l-Gżejjer Maltin għaddew f'idejn l-Għarab li ġew fuq flotta Aglabita li telqet minn Sqallija.[122] Sena qabel, fis-sena 869, dawn l-istess gżejjer kienu sfaw assedjati minn flotta kbira ta' iġfna li kienu salpaw minn Ifriqiya[123].[124] L-assedju kien ħa fit-tul iktar milli kien mistenni minħabba s-sokkors militari Biżantin li kien wasal biex isostni lill-Maltin fit-taqbid. Imma fl-aħħar il-Gżejjer Maltin kellhom iċedu. Minħabba r-reżistenza li sabu mill-amministratur ċivili u l-ġeneral militari ("*archon kai droungarious*"[125]) li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu armata ta' 3000 ruħ, l-Għarab ħarbtu l-gżira ta' Malta u l-isqof tagħha spiċċa priġunier ġewwa Palermo, u sas-sena 878 kien għadu hemm.[126] Imma lil Għawdex messitu xorti oħra. Dan għaliex l-*archon* ta' Għawdex u l-komunità li kien imexxi, forsi għaliex fehmu li ma kienx il-każ li jirreżistu lil min kien b'saħħtu iktar minnhom, għażlu li jċedu mingħajr ġlied u b'hekk l-insara Għawdxin baqgħu jgħixu bil-kwiet fuq dik il-gżira bil-patt li jħallsu t-taxxa, il-*jizya*. Hu propju għalhekk li S. Fiorini jgħid, "The fates of Malta and of Gozo after 870 were very different."[127] Dan għaliex l-

insara – l-*ahl al-kitab* ("in-nies tal-Ktieb"), imsejħa mill-musulmani *ahl ad-dimmah* jew *dhimmah* ("in-nies tal-Patt"), baqgħu jgħixu fil-paċi ma' dawk tat-twemmin islamiku u dan wassal biex il-fidi nisranija baqgħet ħajja fost l-Għawdxin, għad-differenza ta' dak li ġara ġewwa Malta.

Kif rajna fuq, ir-Re Ruġġieru II għadda lill-insara Għawdxin il-moskej u mkejjen oħra marbuta mal-kult islamiku li kellhom l-Għarab biex dawn jibdluhom fi knejjes insara. Fost dawn kien hemm, bla dubju ta' xejn, il-moskea prinċipali fil-Belt imdawwra bis-swar li kienet tissejjaħ, kif diġa rajna fuq, l-*Mdina*. Meta għamel hekk Ruġġieru kien qed jaghmel preċizament kif għamel qablu zijuh Roberto *il Guiscardo* li, meta daħal f'Palermo f'Jannar 1072, ta lill-insara ta' dik il-belt, immexxija mill-arċisqof Nikodemu, il-moskea prinċipali li kien hemm u dawn bidluha fi knisja nisranija u iddedikawha lill-Madonna.[128] Din il-knisja, li hija l-katidral ta' Palermo, ġiet iddedikata lil Santa Marija Assunta nhar is-16 ta' April 1185 mill-arċisqof Gualtiero Offamilio.[129] U hemm probabilta' kbira li dak ġara f'Palermo jista' jkun li seħħ ukoll f'Għawdex.

U hawn wieħed għandu jistaqsi: liema kienet dik il-knisja li ħadet post il-moskea ewlenija fil-Mdina ta' Għawdex u li saret is-sede tal-isqof (il-katidral) ta' din il-komunità nisranija li f'dawk iż-żminijiet kienet għadha waħedha fil-gżejjer Maltin? Skont l-awturi J. Busuttil, S. Fiorini u H.C. Vella din il-knisja kienet, bla dubju ta' xejn, dik ta' Santa Marija, 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt, illum il-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex. Din il-knisja sa minn dejjem kienet meqjusa bħala l-knisja ewlenija ta' Għawdex, kemm minħabba l-qedem tagħha kif ukoll minħabba l-importanza li sa minn dejjem kienet tgawdi fost l-insara Għawdxin ta' kull żmien. Fil-fatt, din il-knisja insibuha kontinwament imsejħa bit-titlu ta' "matriċi"[130], jiġifieri "il-knisja omm tal-knejjes l-oħra ta' Għawdex." Fi kliem dawn it-tliet awturi:

> This explains the singular position occupied by the principal church of the Virgin on Gozo which has been consistently referred to as *Matrix* from its earliest mentions in the records till the present (…)

> The term *Matrix* can have several meanings, one of which, significantly, is that of an *Ecclesia Cathedralis.* Little wonder if this church in the Gozo acropolis served as seat for bishop of these islands for several decades after 1091 till the transfer of the See to Malta. It would also explain the title of collegiate accorded to this same church which, having made way to the Mdina Cathedral after ca. 1250, must have reatained a Chapter, the canons' stalls of which, as well as the rights to tithes at par with the new cathedral dignitaries, are recorded later.[131] **[p.81]**

Iktar 'il fuq f'din il-kitba għidna li l-poeżija *Tristia ex Melitogaudo* tgħinna nifmhu aħjar dak li iktar lura fis-snin kiteb Giliberto Abbate fir-rapport tiegħu dwar il-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex. Anzi, wieħed jista' jgħid li r-rapport ta' Abbate jikkonferma dak li kiteb il-poeta eżiljat fil-versi tiegħu. Għaliex qed ngħidu dan? Skont Giliberto Abbate, ġo Malta il-maġġoranza assoluta tal-familji kienu musulmani (681 familja) filwaqt li numru tal-familji insara kien wieħed tabilħaqq zgħir (47 familja). Ġewwa Għawdex, is-sitwazzjoni kienet bil-kontra: il-familji Għawdxin kienu fil-maġġoranza tagħhom insara (203 familja nisranija vs 155 familja musulmana). Dan ifisser, kif diġa għidna fuq, li 81% tal-insara li kien hawn fil-Gżejjer Maltin kienu jinsabu f'Għawdex. Issa jekk inqiegħdu dawn iċ-ċifri li jagħti Giliberto Abbate fid-dawl tat-tagħrif li niltaqgħu miegħu fit-*Tristia ex Melitogaudo*, malajr naraw li hemm **kontinwità perfetta** bejn dak li kiteb il-poeta eżiljat fil-versi tiegħu bejn l-1135 u l-1151 u n-numri tal-familji insara li niżżel Giliberto Abbate fir-rapport tiegħu tal-1241.

Giliberto Abbate kien qiegħed jikteb ftit iktar minn mitt sena wara l-poeta tat-*Tristia ex Melitogaudo.* Jekk il-poeta, fil-versi tiegħu, jitkellem minn komunità waħda ta' insara fil-Gżejjer Maltin u li din kienet f'Għawdex, wieħed m'għandux jistenna li din is-sitwazzjoni kienet ser tinbidel b'mod drammatiku fi żmien ta' ftit iktar minn mitt sena. U fil-fatt fl-1241, mija u erbatax -il sena wara l-kitba tat-*Tristia ex Melitogaudo*, l-maġġoranza tal-insara fil-Gżejjer Maltin kienu għadhom jinstabu f'Għawdex. U m'hemmx dubju li ħafna minn dawk il-familji insara li jsemmi Giliberto Abbate, kemm mill-203 familja ta'

Għawdex kif ukoll mis-47 ta' Malta, kienu b'xi mod jew ieħor id-dixxendenti ta' dawk l-insara Għawdxin li f'Lulju tal-1127 ħargu jilqgħu lir-Re Ruġġieru II meta dan daħal rebbieħ fl-Mdina ta' Għawdex u irċivew mingħandu l-moskea ewlenija li kien hemm fil-Belt u bidluha fi knisja nisranija iddedikata lill-Madonna. Mela ma nkunux nazzardaw iżżejjed jekk ngħidu li n-numru tal-insara Għawdxin hemm fir-r-rapport ta' Giliberto Abbate huwa, sa ċertu punt, speċi ta' *status animarum* tal-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt ta' Għawdex – il-parrocca *intra muros* – u dan għaliex il-203 familja nisranija li jsemmi Abbate f'Għawdex kienu l-parruċċani tagħha. Biż-żmien, imbagħad, il-fidi nisranija xterdet mal-Gżejjer Maltin u n-numru tal-insara fiż-żewġ gżejjer baqa' jikber minn żmien għal żmien.

Semmejna diġa fuq li dawk l-insara li ħargu jilqgħu lir-Re Ruġġieru II meta rebaħ l-Mdina ta' Għawdex fl-1127 kienu jippratikaw ir-rit Grieg-Biżantin. Bil-wasla tan-Normanni bdiet il-Latinizazzjoni tal-Gżejjer Maltin, jiġifieri l-insara li kien hawn fiż-żewġ gżejjer bdew isegwu r-rit Latin. Imma din it-transizzjoni minn rit għal ieħor ħadet iz-żmien u donnu f'Għawdex ħadet iktar fit-tul minn f'Malta. Dan aktarx li ġara peress li l-komunità nisranija ta' Għawdex kienet eqdem minn dik ta' Malta, fejn il-fidi nisranija kienet għabet fi żmien l-Għarab u għalhekk inbeda kollox mill-ġdid. L-insara Għawdxin kienu ilhom isegwu r-rit Biżantin "from ancistral times", kif jgħidilna l-poeta tat-*Tristia et Melitogaudo*. M'hemmx dubju għalhekk li meta Giliberto Abbate kiteb ir-rapport tiegħu, bosta mill-insara Għawdxin kienu għadhom qiegħdin jaddattaw irwieħhom għar-rit Latin bil-mod il-mod. Tant huwa hekk li meta nhar il-Ħadd 8 ta' Frar tas-sena 1299, il-*miles* Guglielmo de Malta għamel it-testment tiegħu fil-kastell tal-Belt ta' Għawdex, huwa niżżel li kien għadu kif irċieva l-vjatku imwassal lilu mill-knisja parrokkjali tal-Belt, mela dik l-istess waħda li qabel il-miġja tar-Re Ruġġieru II fl-1127 kienet il-moskea prinċipali tal-Belt. Naqraw f'dan id-dokument li Guglielmo irċieva l-vjatku skont l-użanza tar-rit Grieg-Biżantin: *"recepto prius sacrosancto ministerio corporis et sanguis domini nostri Ihesu Christi"* - irċieva l-vjatku taħt iż-żewġ speċi tal-ħobż u tal-inbid.[132] Din hi

tagħrifa ta' importanza storika kbira għal diversi raġunijiet, fosthom dawn it-tnejn li ġejjin:

1. Dawn il-kelmiet juruna biċ-ċar li l-knisja tal-Belt kienet tiffunzjona bħala parroċċa fil-veru sens tal-kelma.
2. Dak li hemm miktub fit-testment ta' Guglielmo de Malta huwa prova ċara li l-komunità tal-insara Għawdxin, miġbura madwar il-knisja parrokkjali tagħhom *intra muros* tmienja u ħamsin sena wara r-rapport ta' Giliberto Abbate u mija u tnejn u sebgħin sena wara l-miġja tar-Re Ruġġieru II f'Għawdex, kienet għadha ma nqatgħetx kompletament mill-użu tar-rit Grieg-Biżantin li kien ir-rit li bih l-Għawdxin kienu jagħtu qima lil Alla sa minn qabel il-miġja tal-Għarab fostna fi tmiem is-seklu disgħa. Għall-oġġezzjoni ta' dawk li jgħidu li t-tqarbin biż-żewġ speċi ewkaristiċi dam jingħata fir-rit Latin sa nofs is-seklu ħmistax, meta allura ġie ipprojbit fis-sessjoni numru tlettax tal-Konċilju ta' Kostanza nhar il-15 ta' Ġunju 1415[133], aħna nwieġbu illi l-lingwaġġ użat fit-testment ta' Guglielmo de Malta biex jiddiskrievi l-vjatku huwa wieħed purament Biżantin, kif jixhed tant tajjeb it-terminu *ministerio*.

It-testment ta' Guglielmo de Malta tal-1299 mhux l-unika xhieda li għandna li l-għeruq tal-komunità tal-Parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt ta' Għawdex, illum il-Katidral, huma Biżantini. L-istess isem ta' *Sancte Marie* - "Santa Marija" - li bih kienet magħruf din il-knisja parrokkjali talinqas sa mis-seklu ħmistax[134] (imma żgur li wkoll ħafna u ħafna qabel **[p. 82]** dak iż-żmien), huwa ta' oriġini Bizantin. Fil-fatt l-isem *Santa Marija* huwa iddokumentat iktar minn darba f'dokumenti Griegi-Għarbin u jirreferi ghad-*Dormitio* ("ir-Raqda" jew "il-Mewt") tal-Madonna u l-Assunzjoni tagħha fis-sema.[135] Dan il-kult Marjan kellu l-bidu tiegħu fost l-insara ta' Ġerusalem u, fi ftit snin, il-festa tad-Dormizzjoni tal-Madonna saret l-iktar waħda importanti fost il-festi l-oħra kollha marjani tal-insara tal-orjent.[136] Il-kult lejn id-*Dormitio* tal-Madonna baqa' wieħed kbir u importanti ħafna fost il-knejjes tar-rit Biżantin u huwa titlu Marjan li jgawdi devozzjoni

antikissima u b'saħħitha ħafna fost l-insara Griegi.[137] Ma ninsewx lanqas li skont dokument tas-16 ta' Frar 1398, il-festa ta' Santa Marija, mela l-festa titulari ta' din il-parroċċa, kienet diġa ikkunsidrata bħala l-festa ewlenija ta' Għawdex.[138]

Mal-medda twila taż-żmien, il-komunità tal-insara f'Għawdex li jsemmi Giliberto Abbate fl-1241 kibret u twaqqfu parroċċi oħra li tnisslu minn dik ta' Santa Marija li kien hemm fil-Belt. U anke hawn ninnutaw kemm l-inflwenza Griega-Bizantina kienet għadha tinħass f'Għawdex. Ma nafux meta inqatgħet l-ewwel parroċċa minn dik ta' Santa Marija *intra muros*. M'hemmx dubju li fl-1435 Santa Marija fil-Belt ma kienetx għadha l-unika parroċċa ta' Għawdex għax fit-testment ta' Nucio de Episcopo li sar nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru ta' dik is-sena, din il-knisja ġiet imsejħa *"Sancte Marie Matricis Ecclesie"* – il-Knisja Matrici ta' Santa Marija.[139] Għal nofs is-seklu ħmistax, imbagħad, insibu li din l-istess knisja kienet diġa il-matriċi – "l-omm" – ta' tlett parroċċi oħra li twaqqfu 'il barra mis-swar tal-Belt, fis-subborg - "ir-rabat" - tagħha. Dawn kienu il-parroċċa ta' Santa Marija ta' Savina, dik ta' San Ġakbu, u dik ta' San Ġorg. Dik ta' Savina, iddedikata bħal knisja matriċi tagħha, lil Madonna, aktarx li kienet l-ewwel waħda li twaqqfet minn dawn it-tlieta. Li jinteressana hawn però hu kif sar dan it-twaqqif tal-ewwel parroċċi ta' Għawdex. Għad-differenza ta' Malta, fejn il-parroċċi (*cappelle*) bdew jitwaqqfu imferrxa mal-gżira kollha, f'Għawdex l-ewwel tlett parroċċi *extra muros* twaqqfu litteralment biswit il-parroċċa matriċi tagħhom, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-bieb ewlieni tal-Belt. B'hekk f'Għawdex kollu kien hemm erba' *cappelle,* waħda biswit l-oħra: dik matriċi ta' Santa Marija 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt, u dawk ta' Savina fil-Punent, ta' San Ġakbu fil-Lvant u ta' San Ġorg fin-Nofsinhar 'il barra mill-Belt. Huwa minnu li, minħabba l-attakki kontinwi tal-kursara, il-popolazzjoni kollha ta' Għawdex kellha ta' bilfors tibqa' miġbura fil-Belt jew fis-subborg tagħha u ftit kienu l-Għawdxin li kellhom il-kuraġġ jibnu darhom fil-kampanja fejn ma kien hemm l-ebda mezz ta' difiża kontra l-għadu.[140] Imma r-raġuni tas-sigurtà mhix biżżejjed biex tispjega dan il-fatt ta' erba' parroċċi biswit xulxin – għax li kieku din kienet l-unika raġuni, ma kienx ikun hemm bżonn ta' erba' *cappelle*

għal popolazzjoni hekk ċkejkna. Biex nifmhu aħjar minn fejn ġiet din is-siwazzjoni, tajjeb li nfittxu oħra li tixbaħha u naraw x'nistgħu nisiltu u napplikaw minnha għal każ ta' Għawdex. U għal dan il-għan, minn Għawdex immorru Malta. Wara l-1530, il-komunità Griega li kienet ġiet minn Rodi mal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann stabbiliet ruħha fil-Birgu. Din kienet magħmula minn madwar 200 familja u ninnutaw li inqasmet f'tlett parroċċi: ta' Santa Marija Damaxxena, ta' San Nikola, u ta' San Ġorġ.[141] Dawn it-tliet parroċċi kienu ċkejknin u biswit xulxin. Mela, b'xebħ mas-sistema parrokkjali li waqqfu l-Griegi fil-Birgu, wieħed jista' jikkonkludi li s-sistema parrokkjali ta' Għawdex sa tmiem is-seklu sbatax kienet għadha dik ta' stil Grieg-Biżantin, b'erba' parroċċi biswit xulxin: il-matriċi fil-Belt, u t-tliet parroċċi filjali fis-subborg tagħha. Biż-żmien, is-sitwazzjoni tat-tliet parroċċi fis-subborg tal-Belt marret mill-ħażin għall-agħar, l-iktar minħabba t-tħarbit li ħalla warajh l-Assedju l-Kbir ta' Għawdex tal-1551 u l-attakki spissi tat-Torok u l-furbani fuq il-gzira. Mons. Pietru Dusina, imbagħad, fil-Viżta Apostolika tiegħu tal-1575 neħħa lil Savina u lil San Ġakbu minn parroċċi mhux biss għax kienu fi stat ħazin imma wkoll ghaliex l-istess kappillani tagħhom anqas biss ma kienu għadhom jgħixu f'Għawdex. San Ġorġ ħelisha bi żbrix u tħalla knisja parrokkjali peress li l-kappillan tagħha kien għadu hemm, għalkemm bil-lejl dan ukoll kien idabbar rasu u jidħol għall-kenn tas-swar tal-belt. Għalhekk wara l-1575 Għawdex spiċċa b'żewġ parroċċi: dik Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt li kienet *la parrocchia di questa Isola del Gozzo*[142] għax tħallew taħt il-ħarsien tagħha l-Belt u l-gżira kollha ta' Għawdex, u dik ta' San Ġorġ li allura baqgħet, kif kienet sa minn qabel żmien Dusina, il-parroċċa *dicti loci del Rabato extra Castrum* - "tal-imsemmi post tar-Rabat 'il barra mill-Kastell", jiġifieri 'l barra mill-ħitan tal-Belt, fis-subborg tagħha.[143]

Din is-sitwazzjoni damet hekk sas-27 ta' Novemberu 1678. Dakinhar l-Isqof Michele Molina, permezz tad-digriet *Habita matura consideratione*, waqqaf il-parroċċa ta' San Ġwann il-Battista fil-*casale de Xeuchia* mill-matriċi ta' Santa Marija fil-Belt, l-ewwel waħda fil-kampanja miftuħa Għawdxija.[144] U s-sena ta' wara, nhar id-29 ta' Awwissu

1679, l-istess Isqof qata' mill-matriċi ta' Santa Marija parroċċa oħra fil-kampanja, dik tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta fil-*contradam Garbicum* – l-Għarb.[145] Dan għamlu permezz ta' digriet li jġib l-istess isem ta' dak li bih waqqaf il-parroċċa tax-Xewkija.

B'hekk tnisslu l-ewwel żewġ parroċċi Għawdxin 'il barra mill-belt u s-subborg tagħha... l-ewwel tnejn fil-kampanja Għawdxija. U dakinhar inbeda kapitlu ġdid fl-istorja tal-Knisja nisranija f'Għawdex. **[p. 83]**

* * *

1 Fil-Viżta Apostolika ta' Mons. Pietru Dusina tal-1575, il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija li kien hemm fil-Belt ta' Għawdex (illum il-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex) tissejjaħ "la parrocchia di questa Isola del Gozzo sotto l'invocatione di Santa Maria dell'Assuntione." Ara G. AQUILINA – S. FIORINI (eds), *Documentary Sources of Maltese History (=D.S.M.H.) Part IV, Documents at the Vatican No. 1, Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi e Regolari, Malta: Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina*, Malta 2001, 228.

2 J. BEZZINA, "Għawdex Kristjan fit-tieni kwart tas-seklu tnax" in *Il-Għid tal-Assunta* 45 (Awwissu 2010), 6.

3 G. MALATERRA, *The Deeds of Count Roger of Calabria and Sicily and of his brother Duke Robert Giuscard,* translated by KENNETH BAXTER WOLF, Michigan 2008, 4th edition, 193-194.

4 Dan it-terminu bl-Għarbi jirreferi għal dik it-taxxa li kellha titħallas fuq kull ras, imsejħa bl-ingliż *poll tax.* Dwar dan ara ZIAUDDIN AHMED - ZIAUDDIN AHMAD, "The Concept of Jiza in Early Islam" in *Islamic Studies,* Islamic Research Institute - International Islamic University, Islamabad, vol. 4, nr. 14 (Winter 1975), 293-305.

5 J. Johns, *Cambridge Studies in Islamic Civilization. Arabic Administration in Norman Sicily: The Royal Diwan,* Cambridge 2002, 34.

6 "... he spied an island in the distance called Gozzo..." Ara G. MALATERRA, 194.

7 "Landing on Gozzo, he laid it waste, plundering it, knowing that in this way the inhabitants would seek terms with him." Ara Ibid.

8 C. DALLI, *Malta the Medieval Millennium,* Malta 2006, 78.

9 B. HAMILTON – A. JOTISCHKY, *Latin and Greek Monasticism in the Crusader States*, Cambridge 2020, 183.

10 C. DALLI, op. cit., 89-90.

11 WADĀD QĀḌĪ - MAURICE A POMERANTZ - ARAM A SHAHIN (eds), *The Heritage of Arabo-Islamic Learning : Studies Presented to Wadad Kadi*, Netherlands 2015, 118.

12 Din id-dinastija intemmet fl-1266.

13 WADĀD QĀḌĪ - MAURICE A POMERANTZ - ARAM A SHAHIN (eds), op. cit., 118-119. Ara wkoll E. BASSO, *Grasso, Guglielmo* in A.M. GHISALBERTI – M. PAVAN (eds), *Dizionario Biografico degli Italiani*, Roma 2002, vol. 58, 716-720.

14 C. DALLI, op. cit., 96.

15 A.T. Luttrell, "Approaches to Medieval Malta" in A.T. Luttrell (ed), *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights,* London 1975, 35.

16 M. BUHAGIAR, *The Christianisation of Malta: Catacombs, Cult Centres and Churches in Malta to 1530,* Oxford 2007, 87. Ara wkoll D. ABULAFIA, "Henry Count of Malta and his Mediterranean activities: 1203-1230" in A.T. LUTTRELL, *Medieval Malta,* 104-125.

17 D. ABULAFIA, *Frederick II: A Medieval Emperor*, Oxford 1992, 92.

18 Ibid., 251.

19 Paolino de Malta jissemma bħala rappreżentant tar-re Federico II f'erba' dokumenti imperjali maħruġa bejn il-21 ta' Novembru 1239 u il-5 ta' Mejju 1240. Ara A. LUTTRELL, "Frederick II and Paolino de Malta: 1235" in *Quellen und Forschungen aus den italienischen Archiven und Bibliotheken, lv–lvi* (1976), 407.

20 A. LUTTREL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 1241* in Proceedings of History Week, Malta 1993, 3.

21 Is-*secreto* kienet il-persuna magħżula biex tmexxi, fost l-oħrajn, il *corte secreziale* li kienet inkarigata mir-re biex tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-beni u l-ġbir tat-taxxi f'kull żona jew belt importanti tar-*Regnum:* "... a capo della quale (la *corte secreziale*) c'era il *secreto* (o governatore), una sorta di *alter ego* locale del feudatario, 'il padrone assente'...Il *secreto* era insomma la persona più rappresentativa del paese, dal momento che a lui faceva capo non solo l'amministrazione della *secrezia*, ma anche dell'*università...* " Ara R. CANCILA, *Autorità sovrana e potere feudale nella Sicilia moderna*, Quaderni - Mediterranea - Ricerche Storiche, vol 24, Sicilia 2007, 71.

22 Ibid. Ara wkoll L. SCIASCIA, "I Cammelli e le Rose: gli Abbate di Trapani da Federico II a Martino il Vecchio", in *Mediterraneo Medievale: Scritti in onore di Francesco Giunta*, vol III, Catanzaro 1989, 1174-1181.

23 A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124,* 3-4.

24 E. WINKELMANN, *Acta Imperii Inedita Seculi XIII. Urkunden un Briefe zur Eschichte des*

*Kaiserreichs und des Konigreichs Sicilien in den Jahren 1198 bis 1273,* Innsbruck 1880 , 713-715.

25 A. MIFSUD, "Frammenti Storici" in *La Diocesi,* I, Malta 1916, 17-19.

26 C. DESSOULAVAY, "Malta in the Middle Ages" in *Journal of the Malta University Literary Society,* II, Malta 1937, 10-12.

27 A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124,* 1-29. Dan l-istudju ġie ukoll ippublikat mill-istess awtur fil-kapitlu 8 tal-ktieb tiegħu *The Making of Christian Malta : from the early Middle Ages to 1530,* Ashgate 2002.

28 S. FIORINI, "Giliberto Abbate's Report and Serfdom in the Maltese Islands" in *Melita Historica*, Malta 2016, 19-30.

29 C. DALLI, op. cit, 105.

30 Ibid.

31 Biex nieħdu idea tal-valur ta' din il-munita, tajjeb li nikkwotaw lil C. DALLI: "To get an idea of what these sums of money represented in those days, it is useful to compare them with the following randomly chosen prices of commodities from the *Statutum Massariarum Curie* (Statute of Royal Farm-Managers): 3 chickens 1 *tareno*; 1 pig 10 *tareni*; 1 salma of wheat 10 *tareni*; 1 cow 20 *tareni*; 1 she-ass 30 *tareni*; 1 field-trained ox 40 *tareni*; 1 mule 120 *tareni*." Ibid., 106. Ta' min wieħed josserva hawn li Dalli jieħu dan it-tagħrif mid-dokument numru 998: "Ordnungen für die bewirthschaftung der königlichen massarien", ippublikat minn E. WINKELMANN, op.cit., 756.

32 E. WINKELMANN, op.cit., 713.

33 A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124,* 14.

34 E. WINKELMANN, op.cit., 713.

35 D.A. AGIUS, "Qalhat: A Port of Embarkation for India" in S. LEDER – H. KILPATRICK – B. MARTEL-THOUMIAN – H. SCHONIG, *Studies in Arabic and Islam: proceedings of the 19th Congress Union Européenne des Arabisants et Islamisants*, Halle 1998, 32.

36 A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124*, 29, nota 101.

37 E. WINKELMANN, op.cit., 713.

38 Ibid., 29, nota 111.

39 Ibid., 13.

40 E. WINKELMANN, op.cit., 714.

41 A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124,* 27.

42 E. WINKELMANN, op.cit., 714.

43 A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124*, 29, nota 119.

44 E. WINKELMANN, op.cit., 714.

45 Ibid.

46 Ibid.

47 S.C. SPITERI, "Castellu di la Chitati" in *Malta Archaeological Review*, 4 (2000), 19.

48 Għal interpretazzjoni żbaljata ta' dan it-terminu, ara, per eżempju, P. MIZZI, *Il-Parroċċa t'Għawdex: studju soċjo-kulturali ta' epoka, 1434-1689*, Malta 1997, 41.

49 Dwar dan, ara per eżempju, P. MIZZI, "Tagħrif dwar il-Belt il-qadima t'Għawdex (2)" in *Il-Mument*, 19/12/1993.

50 Għal studju interessanti dwar ir-Rabat bħala l-Belt ta' Għawdex bl-isem ta' Victoria, ara J. BEZZINA – D. CILIA – C. CINI, *Victoria A Portrait of a City*, Malta 2012.

51 Fil-*Government Notice No 75* tal-10/6/1887, maħruġa mill-Gvernatur ta' Malta Sir John Lintorn Arabin-Simmons u ippublikata fil-*Malta Government Gazette*, naqraw li r-reġina Victoria "*has been graciously pleased to consent to the town of Rabat in that island* (ta' Għawdex) *being, on the occasion of Her Majesty's Jubilee, officially declared a City and its name changed into that of Victoria*." Ara wkoll A.M. SALIBA, "Anniversarju – 720 sena ilu. Il-Vjatku u t-Testment ta' Guglielmo di Malta" in *Festa Santa Marija 2019 – Victoria, Għawdex*, 103.

52 L-istorjografu u arkeologu A.A. Caruana ħaseb li dawn is-silos kienu *Columbarium* ruman. Ara A.A. CARUANA, *Ancient Pagan Tombs and Christian Cemetries in the Island of Malta explored and surveyed from the year 1881 to the year 1897,* Malta 1898, 75. Illum, però, nafu li dawn huma fdalijiet ta' Żmien il-Bronż.

53 J. BEZZINA – D. CILIA (eds.), *The Gozo Cathedral. Its History and Treasures*, Malta 2017, 17.

54 C. CINI (ed), *Gozo the Roots of an Island*, Malta 1990, 29.

55 "A *bothros*, as it is described in documentary sources, was basically a hole dug in the ground into

which libations were poured to establish a direct communication with the (...) gods or the dead. Sacrifices could be burned in *bothroi*, and it could be used once or could be a permanent structure." Ara J. COLEMAN CARTER – K. SWIFT, *The Chora of Metaponto 7: The Greek Sanctuary at Pantanello*, Texas 2018, III, 1498. Dan kollu juri kemm kien żbaljat min darba kiteb għaċ-Ċittadella: "Documentary evidence proves it was only a medieval fortification built during the latter half of the thirteenth century (i.e. 1251-1300)." Ara P. MIZZI, "The Old Town of Gozo" in *The Malta Independent,* 6/3/1994.

56 Ara "Archaeologists study discovery at Gozo cathedral square" in *The Times of Malta,* 11/12/2014.

57 J. BEZZINA – D. CILIA (eds.), op. cit., 21-25.

58 C. CINI (ed), op. cit., 31.

59 Ibid., 33.

60 Ibid., 34.

61 "Acropolis: (Greek *akros* [high, top] and *polis* [city]) The highest part, or citadel, of an ancient Greek town. The palaces and temples were situated on the acropolis, which was the most strongly defended part of the city." Ara B.A. KIPFER, *Encyclopedic Dictionary of Archeology*, New York 2000, 5. Din it-tifsira ta' *acropolis* tgħodd ukoll għall-ambjent Ruman, kif kien il-każ ta' Għawdex.

62 G. AZZOPARDI, *The Extramural Necropolis of Gaulos*, Malta 2007, 7.

63 S. Mallia, "Roman wall unearthed at Gozo cathedral" in *Times of Malta*, 21/12/2003.

64 A.M. Saliba, "Il-Belt u l-Parroċċa ta' Għawdex" in *Festa Santa Marija 2020 – Victoria, Għawdex,* 84.

65 C. DALLI, *Malta the Medieval Millennium*, Malta 2006, 31.

66 Ibid., 53.

67 G. WETTINGER, *Place Names of the Maltese Islands ca. 1300 – 1800,* Malta 2000, 367.

68 Ibid., 30.

69 P. MIZZI, "Tagħrif dwar il-Belt il-qadima t'Għawdex (2)".

70 G. WETTINGER, *Place Names of the Maltese Islands ca. 1300 – 1800,* 452.

71 D.A. AGIUS, *Siculo Arabic,* New York 1996, 252. Ara wkoll F. STEINGASS, *Arabic-English Dictionary*, New Delhi 2005, 398.

72 M. MAGRI, *X'Jgħid il-Malti fuq Missirijietna u l-Ġganti*, ( = Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien, numri 38-39), Malta 1904, 118.

73 J. BEZZINA, "Ir-Rabat il-Belt ta' Għawdex" in *In-Nazzjon Tagħna,* 11/8/1992. Ara wkoll it-tweġiba lil Bezzina minn A. F. ATTARD, "Ir-Rabat – Il-Belt ta' Għawdex" in *In-Nazzjon Taghna,* 20/8/1992.

74 P. MIZZI, *Il-Parroċċa t'Għawdex: studju soċjo-kulturali ta' epoka, 1434-1689*, 112.

75 T.P. HUGHES, *A Dictionary of Islam*, London 1885, 554.

76 Ta' min wieħed jinnota li ħafna Maltin għadhom sal-llum jirreferu għar-Rabat ta' Malta bħala "ir-Rabat tal-Imdina", mela is-subborg tal-Imdina.

77 J. AQUILINA, *Maltese – English Dictionary*, II, Malta 1990, 1170.

78 Fl-1991 tfaċċat teorija ġdida fjamanta, li qatt ma kienet issemmiet qabel mill-ebda storiku kemm tal-antik kif ukoll minn dawk moderni jew ta' żmienna, li tgħid (1) li r-Rabat kien jeżisti qabel il-Belt fuq l-għolja li illum insejħu ċ-Ċittadella, (2) li kien imdawwar bis-swar (allura kien l-ewwel Belt tal-Għawdxin), u (3) li kien jissejjaħ bl-isem ta' "il-Ħaġar". Ara P. MIZZI, "San Ġorg tal-Ħaġar" in *Festi San Gorg*, Għawdex 1991, 11-37. Aħna nemmnu li din it-teorija m'għandha l-ebda bażi storika u għalhekk m'għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni fil-kitba tal-istorja ta' Għawdex. Il-kixfiet arkeoloġiċi li saru f'dawn l-aħħar snin fiċ-Ċittadella ixejnu għal kollox din it-teorija. Minħabba nuqqas ta' spazju mhux ser nikkumentaw dwar dan f'din il-kitba imma nitkellmu dwar din it-teorija f'kitbiet oħra fil-futur.

79 G.P.F. AGIUS DE SOLDANIS, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, (traduzzjoni ta' G. FARRUGIA), Malta 1936, 33.

80 Ibid., 34.

81 G. BOSIO, *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gierosolimitano*, parte III, 2da impressione, Napoli-Venezia 1684, 31.

82 Għal din il-kitba tagħna, intuża l-microfilm ta' dan id-dokument li jinsab fin-New York Public Library, 5th ave, NYC, USA. Ara wkoll A.M. SALIBA, "Il-Belt u l-Parroċċa ta' Għawdex", 82-83.

83 L-awtur ta' din il-kitba sema' kemm -il darba din l-ġrajja tingħad minn nannuh Toni Scicluna, li kien il-propjetarju tal-*Victoria Hotel* li kien hemm fil-Pjazza tat-Tokk u li damet miftuħa sa tmiem is-snin sebgħin tas-seklu li għadda.

84 Dan l-*air-raid shelter* illum huwa miftuħ ghall-viżitaturi.

85 Tagħrifa mgħoddija lili minn Mons. Joe Bezzina, espert tal-Istorja tal-Knisja f'Għawdex. Inrodd ħajr lil Mons. Bezzina għal kummenti u suġġerimenti oħra siewja li ghaddhieli fil-kitba ta' din il-ġrajja.

86 Ara "HSBC Malta Foundation sponsors Banca Giuratale restoration" in *The Times of Malta*, 19/7/2014.

87 Ħajr lil Mons. Joe Bezzina li għaddhieli din it-tagħrifa.

88 Ta' min wieħed josserva li r-Rumani ma kienux jibnu s-swar u d-djar tagħhom b'ġebel kbir imma bil-*bricks* tal-fuħħar. Il-ġebel kbir kien jintuża prinċipalment fil-pedamenti tal-bini.

89 A.M. SALIBA, "Anniversarju – 720 sena ilu: Il-Vjatku u t-Testment ta' Gugliemo di Malta" in *Ktejjeb-Programm Santa Marija 2019*, Socjetà Fil. Leone - Għawdex 2019, 102.

90 J. BUSUTTIL – S. FIORINI – H. VELLA (eds), *Tristia ex Melitogaudo: Lament in Greek Verse of a XIIth-century Exile on Gozo*, Malta 2010, lvii.

91 *Cronica d'en Ramon Muntaner, ab un prefaci per Joseph Coroleu corresponent de la Academia de la Historia,* Barcelona 1886, 166.

92 Ibid.

93 H. BRESC, "Malta dopo il Vespro Siciliano" in *Melita Historica* 6 (1974) 3, 313-321.

94 A.M. SALIBA, "Anniversarju – 720 sena ilu... Il-Vjatku u t-Testment ta' Guglielmo di Malta", 101-109. Nieħu din l-okkazzjoni biex niċċara dak li ktibt f'paġna 104: "Dan it-testment (…) sar fil-"Castro Gaudisii", cioè fil-Belt t'Għawdex li kienet imsejħa "il-Kastell"." Biex wieħed ikun preċiż u korrett, tajjeb li ngħidu li t-testment ta' Guglielmo di Malta sar fil-kastell li kien hemm fil-Belt ta' Għawdex. Mela t-termini *Castro Gaudisii* f'dan id-dokument qed jirreferu għal dan il-kastell li kien hemm fil-Belt u mhux ghall-Belt kollha.

95 J. BEZZINA, *Gozo's government: the autonomy of an island through history,* Malta 2005, 37-38.

96 A. T. LUTTRELL (ed), *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights*, London 1975, 183. Ara wkoll l-istudju interessanti ta' V. J. GALEA, "L-Użu tal-Kelma 'Terra' meta jissemma Għawdex" in *Il-Għid tal-Assunta*, 37 (Awwissu 2002), 4.

97 H. BRESC, "The Secrezia and The Royal Patrimony" in A.T. LUTTREL (ed), *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights*, 136, footnote 62.

98 Kien fl-1661 li l-"Banca Giuratale" nizlet mill-Belt ghar-Rabat, fit-Tokk, fejn ghadha sal-llum. Ara J. BEZZINA, *Gozo's Government - The Autonomy of an Island through History,* Malta 2005, 50.

99 S. FIORINI, "The Fortification and Defence of Gozo down to 1551" in *Symposium Melitensia No. 4*, Malta 2007, 140.

100 S. FIORINI, "Giliberto's Abbate's Report and Serfdom in the Maltese Islands" in *Melita Historica* 17 (2016) 1, 19.

101 E. WINKELMANN, op.cit., 714; A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124,* 27.

102 Bit-terminu "familja" / "familji" hawnhekk nifmhu dak li bl-ingliz jissejjah "household" / households".

103 E. WINKELMANN, op.cit., 714; A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124,* 27.

104 Ibid.

105 Din it-tabella hija mibnija fuq dik ta' S. FIORINI, "Giliberto's Abbate's Report and Serfdom in the Maltese Islands", 19. Ara wkoll J. BEZZINA, "Għawdex Kristjan fit-tieni kwart tas-seklu tnax", 7.

106 A. LUTTRELL, *Giliberto Abbate's Report on Malta: circa 124,* 8.

107 C. DALLI, op. cit., 108.

108 J.M. BRINCAT, "Medieval poet's place of confinement" in *Times of Malta*, 23/12/2010.

109 S. FIORINI, "Giliberto's Abbate's Report and Serfdom in the Maltese Islands", 19-20.

110 G.A. Loudtor - T.E.J. Wiedemann (eds), *A History of the Tyrants of Sicily By 'Hugo Falcandus' 1153-69* ( = Manchester Medieval Sources), Machester 1998.

111 Dwar dan, ara H. MAGUIRE (ed), *Byzantine Court Culture from 829 to 1204*, Harvard – Washington DC 1995, 131-140.

112 H. TAKAYAMA, *The Administration of the Norman Kingdom of Sicily*, ( = The Medieval Mediterranean), III, New York 1993, 53.

113 S. FIORINI, "'Malta and Gozo' or 'Malta of Gozo'" in *The Times of Malta*, 14/12/2010.

114 C. CUPANE, "Byzantine Poetry at the Norman Court of Sicily (1130-1200)" in W. HÖRANDNER – A. RHOBY – N. ZAGKLAS (eds), *A Companion to Byzantine Poetry* ( = Brill's Companions to the Byzantine World) IV, Leiden – Boston 2019, 363.

115 "the country of *Hagar"* tfisser "l-art tal-Misilmin." Hagar tissemma fl-Antik Testment bħala omm Ismael (Gen. 16: 1-4). Tradizzjonalment kien jingħad li l-Għarab ġejjin min-nisel ta' Ismael.
116 J. BUSUTTIL – S. FIORINI – H. VELLA (eds), *Tristia ex Melitogaudo,* lvii.
117 Ibid.
118 Ibid.
119 B.LEWANDOWSKA-TOMASZCZYK (ed), *Contacts and Contrasts in Educational Contexts and Translation,* Konin (Poland) 2019, 188.
120 J. BUSUTTIL – S. FIORINI – H. VELLA (eds), *Tristia ex Melitogaudo,* lvii.
121 J. BEZZINA, "Għawdex Kristjan fit-tieni kwart tas-seklu tnax", 8.
122 G. WETTINGER, "The Arabs in Malta" in *Malta: Studies of its Heritage and History (Mid-Med Bank publication)*, Malta 1986, 90-91.
123 *Ifriqiya*, magħrufa wkoll bħala *el-Maghrib el-Adna,* kien dak ir-reġjun li jiġbor fih l-inħawi ta' *Constantinois* (illum l-Alġerija tal-Lvant), it-Tuniżija u *Tripolitania* (illum il-punent kollu tal-Libja).
124 M. BUHAGIAR, *The Christianisation of Malta,* 71.
125 T.S. BROWN, "Byzantine Malta" in A.L. LUTTRELL, *Medieval Malta*, 77.
126 M. BUHAGIAR, *The Christianisation of Malta,* 72-73.
127 S. FIORINI, "Christians and Muslims in Malta and Gozo" in *The Sunday Times,* 9/5/2010.
128 A.M. SALIBA, "Anniversarju – 720 sena ilu: Il-Vjatku u t-Testment ta' Gugliemo di Malta", 108.
129 V. CRESCENZIO, *La Sicilia Arabo-Normanna nel Regno di Ruggiero II. Il Duomo di Monreale – Narrazione d'Oro e di Luce*, Torino 2020, 73.
130 *D.S.M.H. Part V*, 43.
131 J. BUSUTTIL – S. FIORINI – H. VELLA (eds), *Tristia ex Melitogaudo,* xcvii.
132 H. BRESC, "Malta dopo il Vespro Siciliano" in *Melita Historica* 6 (1974) 3, 313-321. Ara wkoll A.M. SALIBA, A.M. SALIBA, "Anniversarju – 720 sena ilu. Il-Vjatku u t-Testment ta' Guglielmo di Malta", 101-109.
133 T.M. IZBICKI, *The Eucharist in Medieval Canon Law*, Cambridge 2015, 160.
134 *D.S.M.H. Part V, Documents in the Curia of the Archbishop of Malta No. 1, The Registrum Fundationum Beneficiorum Insulae Gaudisii 1435-1545*, Malta 2006, 43.
135 J. BEZZINA, "Għawdex Kristjan fit-tieni kwart tas-seklu tnax", 9.
136 Għal iktar taghrif dwar dan, ara: S. DE FIORES – S. MEO (eds), *Nuovo Dizionario di Mariologia*, Cinsello Balsamo 1985, 178-183.
137 Dwar dan l-argument, ara S.J. SHOEMAKER, *Ancient Traditions of the Virgin Mary's Dormition and Assumption,* New York 2006.
138 J. BEZZINA – D. CILIA (eds.), op. cit., 114.
139 *D.S.M.H. Part V*, 43.
140 S. FIORINI, "The Fortification and the Defence of Gozo down to 1551" in *Symposia Melitensia No. 4*, Malta 2007, 140.
141 Fi żmien il-Viżta Apostolika ta' Mons. Pietru Dusina, fl-1575, dawn it-tlett parroċċi kienu ċkienu fil-ghadd: il-parroċċa ta' Santa Marija Damaxxena kellha 34 familja, dik ta' San Nikola kellha jaghmlu magħha 21 familja, u dik ta' San Ġorġ kienet tħaddan 19 -il familja. Dan ifisser li dawn it-tlett parroċċi kellhom taħt il-ħarsien tagħhom 74 familja. Ara *D.S.M.H. Part IV - No. 1*, 158.
142 *D.S.M.H. Part IV - No. 1*, 228.
143 Ibid. 140, 142-143.
144 ARCHIVUM EPISCOPALE GAUDISIENSE (A.E.G.), *Visitationes Pastorales* ( = *V.P.)* 1678, 86v-87r.
145 ARCHIVUM CATHEDRALIS MELITENSIS (A.C.M.), *Miscellanea* ( = *Misc.*) 11, 229r-v.